

**Emenda 118****Anna Cavazzini**

f'isem il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

**Rapport****A9-0291/2023****Vlad-Marius Botoș, Pascal Arimont**Ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi  
(COM(2022)0495 – C9-0322/2022 – 2022/0302(COD))**Proposta għal direttiva**

–

**EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW\***

għall-proposta tal-Kummissjoni

**DIRETTIVA (UE) 2024/...  
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL****ta' ...****dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill****85/374/KEE**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

**IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħha lill-parlamenti nazzjonali,

---

\* Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu █.

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

---

<sup>1</sup> ĠU C 140, 21.4.2023, p. 34.

Billi:

- (1) *Sabiex jittejjeb il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, jeħtieġ li jiġi żgurat li l-kompetizzjoni ma tiġix imfixkla u li l-moviment tal-merkanzija ma jiġix ostakolat.* Id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE<sup>2</sup> tistabbilixxi regoli komuni dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi bil-għan li jitneħħew id-diverġenzi bejn is-sistemi legali tal-Istati Membri li jistgħu jfixklu l-kompetizzjoni u jaffettwaw il-moviment tal-merkanzija fis-suq intern. *Armonizzazzjoni akbar tar-regoli komuni dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi stabbiliti f'dik id-Direttiva se tkompli tikkontribwixxi għall-kisba ta' dawk l-objettivi, filwaqt li tinvolvi grad akbar ta' protezzjoni tas-saħħha jew tal-proprietà tal-konsumaturi u ta' persuni fizċici oħra.* ▀
- (2) Ir-responsabbiltà stretta min-naħa tal-operaturi ekonomiċi tibqa' l-uniku mezz biex tiġi indirizzata b'mod adegwat il-problema ta' tqassim ġust tar-riskju inerenti fil-produzzjoni teknoloġika moderna.

---

<sup>2</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approvvissimazzjoni tal-ligħiġiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi (ĠU L 210, 7.8.1985, p. 29).

- (3) Id-Direttiva 85/374/KEE ***hija strument effettiv u importanti, iżda*** jeħtieġ li tīgħi riveduta fid-dawl tal-iżviluppi relatati ma' teknoloġiji ġodda, inkluża l-intelliġenza artifiċjali (IA), il-mudelli kummerċjali ġodda tal-ekonomija ċirkolari u l-ktajjen ġodda tal-provvista globali, li wasslu għal inkonsistenzi u inċertezza legali, b'mod partikolari fir-rigward tat-tifsira tat-terminu “prodott”. L-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva wriet ukoll li l-persuni offiżi jiffaċċejaw diffikultajiet biex jiksbu kumpens minħabba restrizzjonijiet fuq it-talbiet għal kumpens u minħabba sfidi fil-ġbir ta' evidenza biex jagħtu prova tar-responsabbiltà, speċjalment fid-dawl taż-żieda fil-kumplessità teknika u xjentifika. Dan jinkludi talbiet għal danni relatati ma' teknoloġiji ġodda █ . Għalhekk, ir-reviżjoni tad-Direttiva 85/374/KEE tinkoraġġixxi l-introduzzjoni u l-adozzjoni ta' tali teknoloġiji ġodda, inkluża l-IA, filwaqt li tiżgura li l-atturi jgawdu l-istess livell ta' protezzjoni, irrisspettivament mit-teknoloġija involuta ***u li n-negozji kollha jibbenefikaw minn aktar ċertezza legali u minn kundizzjonijiet ekwi.***

- (4) Hija meħtieġa reviżjoni tad-Direttiva 85/374/KEE sabiex jiġu żgurati l-koerenza u l-konsistenza mal-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti u s-sorveljanza tas-suq fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali. Barra minn hekk, hemm bżonn li jiġu ċċarati ideat u kunċetti bażiċi biex jiġu żgurati l-koerenza u c-ċertezza legali ***u kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern*** u biex tiġi riflessa l-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.
- (5) Meta titqies in-natura estensiva tal-emendi li jkunu meħtieġa biex id-Direttiva 85/374/KEE tibqa' effettiva u biex jiġu żgurati c-ċarezza u c-ċertezza legali, jenħtieġ li dik id-Direttiva titħassar u tiġi sostitwita b'din id-Direttiva.
- (6) Sabiex jiġi żgurat li r-reġim tar-responsabbiltà għall-prodotti tal-Unjoni jkun komprensiv, jenħtieġ li tapplika responsabbiltà stretta għall-prodotti difettużi għall-beni mobbli kollha, ***fosthom is-software***, inkluż meta dawn jiġu integrati f'beni mobbli oħrajn jew installati f'beni immobbli.
- (7) Jenħtieġ li r-responsabbiltà għall-prodotti difettużi ma tapplikax għal dannu li jinħoloq minn inċidenti nukleari, sa fejn ir-responsabbiltà għal tali dannu tkun koperta minn konvenzjonijiet internazzjonali rratifikati mill-Istati Membri.

- (8) Sabiex jinħoloq suq intern ġenwin b'livell għoli u uniformi ta' protezzjoni ***tal-konsumaturi u ta' persuni fiżiċi oħra***, u sabiex tīgħi riflessa l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jenħtieġ li l-Istati Membri, fir-rigward ta' kwistjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, la jżommu u lanqas jintroduċu dispożizzjonijiet li jkunu aktar stretti jew anqas strettii minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva.
- (9) Skont is-sistemi legali tal-Istati Membri, persuna offiża jista' jkollha dritt li titlob kumpens għad-danni abbażi ta' responsabbiltà kuntrattwali jew għal raġunijiet ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali li ma tikkonċernax ***ir-responsabbiltà tal-manifattur għad-difett*** ta' prodott ***kif stabbilit f'din id-Direttiva. Dan jikkonċerna, pereżempju, responsabbiltà bbażata fuq garanzija jew fuq ħtija jew ir-responsabbiltà stretta tal-operaturi għad-dannu kkawżat mill-proprietajiet ta' organiżmu li jirriżultaw mill-inġinerija ġenetika.*** Tali dispożizzjonijiet, li jservu wkoll biex jintlaħaq, fost l-oħrajn, l-objettiv ta' protezzjoni effettiva tal-konsumaturi ***u ta' persuni fiżiċi oħra***, jenħtieġ li jibqgħu mhux affettwati minn din id-Direttiva.

- (10) F'ċerti Stati Membri, il-persuni offiżi jistgħu jkunu intitolati li jagħmlu talbiet għal danni kkawżati minn prodotti farmaċewtiċi taħt sistema ta' responsabbiltà nazzjonali speċjali, bir-riżultat li diġà tkun miksuba protezzjoni effettiva ***tal-persuni fiziċċi*** fis-settur farmaċewtiku. Id-dritt li jsiru tali talbiet jenħtieġ li jibqa' mhux affettwat minn din id-Direttiva. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li ma jiġux preklużi l-emendi għal tali sistemi ta' responsabbiltà speċjali sakemm dawn ma jdgħajfux l-effettivitā tas-sistema ta' responsabbiltà prevista f'din id-Direttiva jew l-objettivi tagħha.***
- (11) ***Skemi ta' kumpens barra mill-kuntest tar-reġimi ta' responsabbiltà, bħas-sistemi tas-sahħha nazzjonali, l-iskemi tas-sigurtà soċjali jew l-iskemi tal-assigurazzjoni, jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u jenħtieġ għalhekk li ma jiġux preklużi. Pereżempju, xi Stati Membri għandhom skemi fis-seħħ biex jipprovd kumpens fir-rigward ta' prodotti farmaċewtiċi li jikkawżaw īxsara mingħajr ma jkunu difettużi.***

- (12) Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> tistabbilixxi l-prinċipji komuni u d-dispożizzjonijiet ta' referenza maħsuba biex japplikaw fil-leġiżlazzjoni settorjali tal-prodotti kollha. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza ma' tali leġiżlazzjoni, jenħtieġ li ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari d-definizzjonijiet, jiġu allinjati ma' dik id-Deċiżjoni.

---

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni 93/465/KEE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82).

(13) Il-prodotti fl-era diġitali jistgħu jkunu tangħibbli jew intangħibbli. Is-software, bħalma huma s-sistemi operattivi, il-firmware, il-programmi tal-komputer, l-applikazzjonijiet jew is-sistemi tal-IA, qed isir dejjem aktar komuni fis-suq u għandu rwol dejjem aktar importanti għas-sikurezza tal-prodotti. Is-software jista' jiġi introdott fis-suq bħala prodott awtonomu u jista' sussegwentement jiġi integrat fi prodotti oħrajn bħala komponent, u jkun kapaċi jikkawża dannu permezz tal-eżekuzzjoni tiegħu. Fl-interess taċ-ċertezza legali, jenħtieġ li jiġi ċċarat f'din id-Direttiva li s-software huwa prodott għall-iskopijiet tal-applikazzjoni ta' responsabbiltà stretta, irrispettivament mill-mod tal-provvista jew l-użu tiegħu u, għalhekk, irrispettivament minn jekk is-software jiġix maħżun fuq apparat, aċċessat permezz ta' ***network ta' komunikazzjoni jew ta' teknoloġiji cloud, jew fornut permezz ta' mudell ta' software bħala servizz***. Madankollu, ***l-informazzjoni ma għandhiex titqies*** bħala prodott, ***u għalhekk jenħtieġ li r-regoli dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti ma jaapplikawx għall-kontenut ta' fajls diġitali, bħal fajls tal-midja jew kotba elettroniċi jew il-kodiċi sors tas-software***. L-iżviluppatur jew il-produttur tas-software, inklużi l-fornituri tas-sistemi tal-IA skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4\*</sup>, jenħtieġ li jiġi ttrattat bħala manifattur.

---

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intellegjenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u li jemenda ċerti atti leġiżlattivi tal-Unjoni [2021/0106(COD)] (ĠU L, ..., ELI: ....).

\* ĠU: Jekk jogħġibok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument 2021/0106(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu korrett, ir-referenza tal-ĠU u r-referenza ELI ta' dak ir-Regoloament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

(14) *Software liberu u b'sors miftuħ, fejn il-kodiċi tas-sors jiġi kondiviż fil-miftuħ u l-utenti jistgħu b'mod liberu jaċċessaw, jużaw, jimmodifikaw u jiddistribwixxu mill-ġdid is-software jew verżjonijiet modifikati tiegħu, jista' jikkontribwixxi għar-riċerka u l-innovazzjoni fis-suq. Tali software jiddependi minn liċenzji pubbliċi li jiġi garantixxu l-libertà li s-software jiġi mħaddem, ikkupjat, imqassam, studjat, mibdul u mtejjeb. Sabiex ma tfixkilx l-innovazzjoni jew ir-riċerka, jenħtieġ li din id-Direttiva ma tapplikax għal software liberu u b'sors miftuħ żviluppat jew fornuta barra mill-kors ta' attivită kummerċjali, peress li, mid-definizzjoni tagħhom, il-prodotti żviluppati jew fornuti b'tali mod ma jiġux introdotti fis-suq. Li tali software jiġi żviluppat jew li jsir kontribut għal tali software jenħtieġ li ma jinfhem bħala li tali software ikun tqiegħed fis-suq. Il-forniment ta' tali software f'repożitorji miftuħa jenħtieġ li ma jitqiesx bħala li tali software ikun tqiegħed fis-suq, sakemm dan ma jseħħx matul attivită kummerċjali. Fil-prinċipju, il-provvista ta' software liberu u b'sors miftuħ minn organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ jenħtieġ li ma titqiesx bħala li tkun qed isseħħ f'kuntest relatat man-negozju, sakemm tali provvista ma sseħħx matul attivită kummerċjali.* Madankollu, meta s-software jiġi fornuta bi skambju għal prezzi jew meta tintuża data personali għajnejr eskużiżi għad-diskur, tal-kompatibbiltà jew tal-interoperabbilità tas-software, u għalhekk jiġi fornuta matul attivită kummerċjali, jenħtieġ li tapplika din id-Direttiva.

- (15) *Meta software liberu u b'sors miftuħ fornut barra mill-kors ta' attività kummerċjali jiġi sussegwentement integrat minn manifattur bħala komponent fi prodott matul attività kummerċjali u b'hekk jiġi introdott fis-suq, jenħtieġ li jkun possibbli li dak il-manifattur jinżamm responsabbli għad-dannu kkawżat mid-difett ta' tali software iżda mhux il-manifattur tas-software minħabba li ma jkunx issodisfa l-kundizzjonijiet tal-introduzzjoni ta' prodott jew ta' komponent fis-suq.*
- (16) *Filwaqt li l-fajls diġitali bħala tali ma humiex prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, il-fajls tal-manifattura diġitali, li jkun fihom l-informazzjoni funzjonali meħtieġa għall-produzzjoni ta' oġġett tangħibbli billi jippermettu l-kontroll awtomatizzat ta' makkinarju jew għodod, bħal trapani, tornijiet, imtieħen u stampaturi 3D, jenħtieġ li jitqiesu bħala prodotti, sabiex tīgħi żgurata l-protezzjoni tal-persuni fizċiċi f'każijiet fejn tali fajls ikunu difettużi. **Pereżempju, fajl ta' disinjar permezz tal-kompjuter difettuż li jintuża biex jinħoloq oġġett stampat 3D li jikkawża ħsara jenħtieġ li jwassal għal responsabbiltà skont din id-Direttiva, meta tali fajl jiġi żviluppat jew fornut matul attività kummerċjali.** Sabiex jiġi evitat id-dubju, jenħtieġ li jiġi ċċarat ukoll li **l-materja prima, bħall-gass u l-ilma, u l-elettriku huma prodotti.***

(17) Qed isir dejjem aktar komuni li s-servizzi diġitali jiġu integrati fi prodott jew interkonnessi miegħu b'tali mod li n-nuqqas tas-servizz jimpedixxi lill-prodott milli jwettaq waħda mill-funzjonijiet tiegħu. Filwaqt li jenħtieġ li din id-Direttiva ma tapplikax għas-servizzi bħala tali, huwa meħtieġ li r-responsabbiltà stretta tiġi estiża għal servizzi diġitali integrati jew interkonnessi (“servizzi relatati”), minħabba li dawn jiddeterminaw is-sikurezza tal-prodott daqskemm jiddeterminawha l-komponenti fiziċċi jew diġitali. Jenħtieġ li dawk is-servizzi relatati jitqiesu bħala komponenti tal-prodott li fih jiġu integrati jew li miegħu jiġu interkonnessi, meta jkunu fil-kontroll tal-manifattur ta' dak il-prodott. *Eżempji ta' servizzi relatati jinkludu l-provvista kontinwa ta' data dwar it-traffiku f'sistema ta' navigazzjoni, servizz ta' monitoraġġ tas-sahħha li jserraħ fuq sensuri ta' prodott fiżiku biex jintraċċa l-attività fiżika jew l-indikaturi tas-sahħha tal-utent, servizz ta' kontroll tat-temperatura li jimmonitorja u jirregola t-temperatura ta' friġġ intelliġenti, jew servizz ta' assistant bil-vuċi li jippermetti li prodott wieħed jew aktar jiġu kkontrollati bl-użu ta' ordnijiet bil-vuċi. Is-servizzi tal-aċċess għall-internet jenħtieġ li ma jiġux ittrattati bħala servizzi relatati, peress li ma jistgħux jitqiesu bħala parti minn prodott fil-kontroll ta' manifattur u ma jkunx raġonevoli li l-manifatturi jkunu responsab bli għad-dannu kkawżat minn nuqqasijiet fis-servizzi tal-aċċess għall-internet. Madankollu, prodott li jserraħ fuq servizzi tal-aċċess għall-internet u li jonqos milli jżomm is-sikurezza f'każ ta' telf ta' konnettivitā jista' jinstab li huwa difettuż skont din id-Direttiva.*

- (18) *Is-servizzi relatati u komponenti oħra, inklużi aġġornamenti u ammeljoramenti tas-software, jenħtieġ li jitqiesu bħala li jkunu fil-kontroll tal-manifattur meta jiġu integrati fi' prodott jew interkonnessi ma' prodott, jew fornuti, mill-manifattur jew meta l-manifattur jagħti l-awtorizzazzjoni jew il-kunsens tiegħu għall-integrazzjoni, l-interkonnessjoni jew il-provvista tagħhom minn parti terza, pereżempju meta l-manifattur ta' apparat domestiku intelliġenti jagħti l-kunsens tiegħu għall-apparat tal-manifattur jew meta manifattur jippreżenta servizz jew komponent relatat bħala parti mill-prodott anki jekk ikun fornut minn parti terza. Manifattur jenħtieġ li ma jitqiesx li jkun ta' l-kunsens tiegħu għall-integrazzjoni jew l-interkonnessjoni semplicelement billi jipprovdi għall-possibbiltà teknika ta' integrazzjoni jew ta' interkonnessjoni jew billi jirrakkomanda ċerti marki jew billi ma jiprojbix servizzi jew komponenti potenzjali relatati.*
- (19) *Ladarba prodott ikun ġie introdott fis-suq, jenħtieġ li jitqies li jibqa' fil-kontroll tal-manifattur meta l-manifattur iż-żomm il-kapaċità li jforni l-aġġornamenti jew l-ammeljoramenti tas-software huwa stess jew permezz ta' parti terza.*

(20) B'rikonoxximent tar-rilevanza u l-valur dejjem akbar tal-assi intanġibbli, ***il-gerda*** jew il-korruzzjoni tad-data, ***bħall-fajls diġitali mħassrin*** minn hard drive, jenħtieġ li jiġu kkumpensati wkoll, inkluża l-ispiża tal-irkupru jew tar-restawr ta' dik id-data. Il-protezzjoni ***tal-persuni fiziċċi*** teħtieġ li jkun disponibbli kumpens għal telf materjali li jirriżulta mhux biss minn mewt jew dannu personali, bħal spejjeż tal-funeral jew mediċi jew introjtu mitluf, u minn dannu lill-proprietà, iżda wkoll ***għall-gerda*** jew il-korruzzjoni tad-data. ***Il-gerda jew il-korruzzjoni tad-data ma jirriżultawx awtomatikament f'telf materjali, jekk il-vittma tkun kapaċi tirkupra d-data mingħajr spejjeż, bħal meta jkun jeżisti back-up tad-data jew id-data tkun tista' titniżżeż mill-ġdid, jew operatur ekonomiku jirrestawra jew jerġa' joħloq data temporanġament mhux disponibbli, pereżempju f'ambjent virtwali.*** ***Il-gerda jew il-korruzzjoni tad-data huma distinti mill-iżvelar tad-data jew mill-ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data u, għaldaqstant, il-kumpens għall-ksur tar-Regolamenti (UE) 2016/679<sup>5</sup> jew (UE) 2018/1725<sup>6</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew tad-Direttivi 2002/58/KE<sup>7</sup> jew (UE) 2016/680<sup>8</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill muhuwiex affettwat minn din id-Direttiva.***

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiziċċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiziċċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

<sup>7</sup> Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjonijiet elettroniċi) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

<sup>8</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiziċċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

- (21) Fl-interess taċ-ċertezza legali, jenħtieġ li din id-Direttiva tiċċara li d-dannu personali jinkludi dannu medikament rikonoxxut u ***medikament iċċertifikat*** lis-saħħa psikoloġika ***li jaffettwa l-istat ġeneralis tas-saħħa tal-vittma u li jista' jirrikjedi terapija jew trattament mediku, filwaqt li tqis, fost l-oħrajn, il-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.***
- (22) ***F'konformità mal-objettiv ta' din id-Direttiva li tagħmel kumpens disponibbli biss għall-persuni fiziċċi, jenħtieġ li d-dannu lil proprjetà użata esklużivament għal skopijiet professjonal ma jiġix ikkumpensat skont din id-Direttiva. Sabiex jiġi indirizzat riskju potenzjali ta' litigazzjoni f'għadd eċċessiv ta' każijiet, il-qedra jew il-korruzzjoni ta' data li tintuża għal skopijiet professjonal, anke jekk ma tintużax għalhekk esklużivament, jenħtieġ li ma jiġux ikkumpensiati skont din id-Direttiva.***

- (23) Filwaqt li jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu kumpens sħiħ u xieraq għat-telf materjali kollu li jirriżulta minn mewt jew minn dannu personali, jew minn dannu lill-proprjetà jew mill-gerda tagħha, inklużi ***l-gerda*** jew il-korruzzjoni tad-data, jenħtieġ li r-regoli dwar il-kalkolu tal-kumpens jiġu stabbiliti mill-Istati Membri. Barra minn hekk, ***il-kumpens għal telf mhux materjali li jirriżulta minn dannu kopert minn*** din id-Direttiva, ***bħall-uġiġħ u t-tbatija***, jenħtieġ li ***jiġi pprovdut sa fejn tali telf jista' jiġi kkumpensat skont il-liġi nazzjonali***.
- (24) ***Tipi ta' dannu għajr dawk previsti f'din id-Direttiva, bħal telf purament ekonomiku, ksur tal-privatezza jew diskriminazzjoni, jenħtieġ li waħidhom ma jiskattawx ir-responsabbiltà skont din id-Direttiva. Madankollu, jenħtieġ li din id-Direttiva ma taffettwax id-dritt għal kumpens għal kwalunkwe dannu, inkluż dannu mhux materjali, skont reġimi oħra ta' responsabbiltà.***
- (25) Sabiex jiġu protetti ***l-persuni fiziċċi***, id-dannu lil kwalunkwe proprjetà li tappartjeni għal persuna fiżika jenħtieġ li jiġi kkumpensat. Billi l-proprjetà qed tintuża dejjem aktar għal skopijiet kemm privati kif ukoll professjonal, huwa xieraq li jiġi previst il-kumpens għad-dannu lil tali proprjetà b'użu mħallat. Fid-dawl tal-objettiv ta' din id-Direttiva li tiproteġi ***lill-persuni fiziċċi***, jenħtieġ li l-proprjetà użata eskużiżiavent għal skopijiet professjonal tiġi eskużu mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

- (26) Jenħtieġ li din id-Direttiva tapplika għal prodotti introdotti fis-suq jew, fejn rilevanti, imqiegħda fis-servizz matul attivită kummerċjali, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk mingħajr ħlas, pereżempju l-prodotti fornuti fil-kuntest ta' kampanja ta' sponsorizzar jew prodotti manifatturati għall-forniment ta' servizz iffinanzjat minn fondi pubbliċi, billi dak il-mod ta' provvista xorta għandu karattru ekonomiku jew kummerċjali. *Il-kunċett ta' “tqegħid fis-servizz” huwa rilevanti għal prodotti li ma jiġux introdotti fis-suq qabel l-ewwel użu tagħhom, kif jista’ jkun il-każ fīs-setturi tal-liftijiet, tal-makkinarju jew tal-apparat mediku.*
- (27) *Sa fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi, id-dritt għal kumpens għall-persuni offiżi jenħtieġ li japplika kemm għall-vittmi diretti, li jġarrbu dannu kkawżat direttament minn prodott difettuż, kif ukoll għall-vittmi indiretti, li jġarrbu dannu bħala riżultat tad-dannu tal-vittma diretta.*

(28) *Filwaqt li titqies iż-żieda fil-kumplessità tal-prodotti, tal-mudelli kummerċjali u tal-ktajjen tal-provvista, u meta jitqies li l-għan ta' din id-Direttiva huwa li tiżgura li l-konsumaturi u persuni fiziċċi oħra jkunu jistgħu jeżerċitaw faċiilment id-dritt tagħhom li jiksbu kumpens f'każ ta' dannu kkawżat minn prodotti difettużi, huwa importanti li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti għall-protezzjoni tal-konsumaturi jipprovdū l-informazzjoni rilevanti kollha lill-konsumaturi affettwati biex dawn ikunu jistgħu jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom għal kumpens, f'konformità ma' din id-Direttiva. Meta jagħmlu dan, huwa xieraq li l-Istati Membri jqisu l-obbligi eżistenti għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabqli għall-infurzar tal-liggi dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi, b'mod partikolari l-obbligi skont ir-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>9</sup>. Huwa importanti li l-awtoritajiet jew il-korpi nazzjonali għall-protezzjoni tal-konsumaturi jaqsmu b'mod regolari kwalunkwe informazzjoni rilevanti li jsiru jafu biha u jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. L-Istati Membri jistgħu wkoll jinkora għġixxu lill-awtoritajiet jew lill-korpi kompetenti għall-protezzjoni tal-konsumaturi jipprovdū informazzjoni lill-konsumaturi biex dawn ikunu jistgħu b'mod effettiv jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal kumpens f'konformità ma' din id-Direttiva.*

---

<sup>9</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabqli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 345, 27.12.2017, p. 1).

- (29) Jenħtieġ li din id-Direttiva ma taffettwax il-mezzi varji kif jinkiseb rimedju fil-livell nazzjonali, kemm jekk permezz ta' proċedimenti tal-qorti, soluzzjonijiet barra l-qorti, soluzzjoni alternattiva għat-tilwim jew azzjonijiet rappreżentattivi skont id-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>10</sup> jew skont skemi nazzjonali ta' rimedju kollettiv.

---

<sup>10</sup> Id-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, u li tkassar id-Direttiva 2009/22/KE (ĠU L 409, 4.12.2020, p. 1).

- (30) Sabiex jiġu protetti s-saħħha u l-proprietà ***tal-persuni fizċi***, jenħtieġ li d-difett ta' prodott jiġi ddeterminat b'referenza mhux għall-adegwatezza tiegħu għall-użu, iżda għan-nuqqas tas-sikurezza li ***persuna hija intitolata*** li ***tistenna jew li tkun meħtieġa skont id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali***. Jenħtieġ li l-valutazzjoni ta' difett tinvolvi analiżi oġġettiva ***tas-sikurezza li l-pubbliku ġenerali huwa intitolat li jistenna*** u ma tirreferix għas-sikurezza li kwalunkwe persuna partikolari hija intitolata li tistenna. Jenħtieġ li s-sikurezza li l-pubbliku ġenerali huwa intitolat li jistenna tiġi vvalutata billi jitqiesu, fost l-oħrajn, l-iskop maħsub, ***I-użu raġonevolment prevedibbli, il-preżentazzjoni***, il-karatteristiċi oġġettivi u l-proprietajiet tal-prodott inkwistjoni, ***inkluż it-tul tal-ħajja mistenni tiegħu***, kif ukoll ir-rekwiżiti speċifiċi tal-grupp ta' utenti li għalihom huwa maħsub il-prodott. Xi prodotti, bħal apparat mediku ta' sostenn għall-ħajja, jinvolvu riskju partikolarmen għoli ta' dannu lin-nies u, għalhekk, iwasslu għal aspettattivi partikolarmen għoljin ta' sikurezza. Sabiex jitqiesu tali aspettattivi, jenħtieġ li jkun possibbli li qorti ssib prodott difettuż mingħajr ma tistabbilixxi d-difett proprju tiegħu, meta jkun jappartjeni għall-ħall-istess serje ta' produzzjoni bħal prodott li digħi ngħatat prova li huwa difettuż.

(31) *Il-valutazzjoni tad-difett jenħtieġ li tqis il-preżentazzjoni tal-prodott. Madankollu, twissijiet jew informazzjoni oħra pprovduti ma' prodott ma jistgħux jitqiesu bħala suffiċjenti biex prodott li altrimenti huwa difettuż isir sikur, peress li d-difett jenħtieġ li jiġi ddeterminat b'referenza għas-sikurezza li l-pubbliku inġenerali huwa intitolat li jistenna. Għalhekk, ir-responsabbiltà skont din id-Direttiva ma tistax tīgi evitata semplicelement billi jiġu elenkati l-effetti sekondarji konċepibbli kollha ta' prodott. Meta jiġi ddeterminat id-difett ta' prodott, l-użu raġonevolment prevedibbli jinkludi wkoll użu ħażin però raġonevoli fiċ-ċirkostanzi, bħall-imġiba prevedibbli ta' utent ta' makkinarju li tirriżulta minn nuqqas ta' konċentrazzjoni jew l-imġiba prevedibbli ta' ċerti gruppi ta' utenti bħat-tfal.*

- (32) Sabiex tīgi riflessa l-prevalenza dejjem akbar ta' prodotti interkonnessi, jenħtieġ li l-valutazzjoni tas-sikurezza ta' prodott tqis ukoll l-effetti *raġonevolment prevedibbli* ta' prodotti oħrajn fuq il-prodott inkwistjoni, *pereżempju f'sistema ta' dar intelliġenti*. Jenħtieġ li jitqies ukoll l-effett li jkollha fuq is-sikurezza ta' prodott il-kapaċità tiegħu li jitgħallem *jew jikseb karatteristiċi ġodda* wara li jiġi introdott *fis-suq jew li jitqiegħed fis-servizz*, sabiex tīgi riflessa l-aspettattiva leġittima li s-software ta' prodott u l-algoritmi sottostanti jkunu ddisinjati b'tali mod li jipprevjenu mgħiba perikoluża tal-prodott. *Konsegwentement, manifattur li jiddisinja prodott bil-kapaċità li jiżviluppa mgħiba mhux mistennija jenħtieġ li jibqa' responsablli għal imġiba li tikkawża ħsara*. Sabiex jiġi rifless il-fatt li fl-era diġitali ħafna prodotti jibqgħu fil-kontroll tal-manifattur wara li jiġu introdotti fis-suq, il-mument li fih prodott ma jibqax fil-kontroll tal-manifattur jenħtieġ li jitqies ukoll fil-valutazzjoni tas-sikurezza ta' prodott. Prodott jista' jinstab ukoll li huwa difettuż minħabba l-vulnerabbiltà taċ-ċibersigurtà tiegħu, *pereżempju meta l-prodott ma jissodisfax ir-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà rilevanti għas-sikurezza*.
- (33) *Sabiex tīgi riflessa n-natura tal-prodotti li l-iskop proprju tagħhom huwa li jimpedixxu d-dannu, pereżempju mekkaniżmu ta' twissija bħal allarm tad-duħħan, il-valutazzjoni tad-difett ta' tali prodott jenħtieġ li tqis in-nuqqas tiegħu li jilħaq dak l-iskop.*

- (34) Sabiex tīgi riflessa r-rilevanza tal-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti u ssorveljanza tas-suq għad-determinazzjoni tal-livell ta' sikurezza li ***persuna hija intitolata li tistenna***, jenħtieġ li jiġi ċċarat li r-rekwiżiti tas-sikurezza ***tal-prodotti rilevanti***, inklużi r-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà rilevanti għas-sikurezza, u l-interventi mill-awtoritajiet ***kompetenti***, bħall-ħruġ ta' sejħiet lura tal-prodotti, jew mill-operaturi ekonomiċi nfushom, jenħtieġ li jitqiesu fil-valutazzjoni ta' difett. Madankollu, jenħtieġ li, minnhom infushom, tali interventi ma joħolqux preżunzjoni ta' difett.
- (35) Fl-interessi tal-għażla tal-konsumaturi u sabiex ***jiġu mħeġġa l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-aċċess faċċli għal teknoloġiji ġodda***, l-eżistenza, jew l-introduzzjoni sussegwenti fis-suq, ta' prodott aħjar fiha nnifisha jenħtieġ li ma twassalx għall-konklużjoni li prodott huwa difettuż. B'mod simili, il-provvista ta' aġġornamenti jew ammeljoramenti fi prodott fiha nnifisha jenħtieġ li ma twassalx għall-konklużjoni li verżjoni preċedenti tal-prodott hija difettuż.

- (36) Il-protezzjoni ***tal-persuni fiżiċi*** tirrikjedi li kwalunkwe manifattur involut fil-proċess tal-produzzjoni jkun jista' jinżamm responsabbli, sa fejn prodott jew komponent fornut minn dak il-manifattur ikun difettuż. ***Dan jinkludi kwalunkwe persuna li tippreżenta ruħha bħala l-manifattur billi tqiegħed, jew tawtorizza li parti terza tqiegħed, isimha, il-marka kummerċjali tagħha jew karatteristika distintiva oħra tagħha fuq prodott, peress li b'hekk dik il-persuna tagħti l-impressjoni li hija involuta fil-proċess tal-produzzjoni jew li tassumi r-responsabbiltà għalih.*** Meta manifattur jintegra komponent difettuż minn manifattur ieħor fi prodott, jenħtieġ li persuna offiżza tkun tista' tfittex kumpens għall-istess dannu mingħand il-manifattur tal-prodott jew mingħand il-manifattur tal-komponent, jew mit-tnejn li huma. ***Meta komponent jiġi integrat fi prodott barra mill-kontroll tal-manifattur ta' dak il-prodott, jenħtieġ li persuna offiżza tkun tista' tfittex kumpens mingħand il-manifattur tal-komponent meta l-komponent innifsu jkun prodott skont din id-Direttiva.***

(37) Sabiex jiġi żgurat li l-persuni offiżi jkollhom talba infurzabbli għal kumpens meta manifattur ikun stabbilit barra mill-Unjoni, jenħtieġ li jkun possibbli li l-importatur tal-prodott u r-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur, ***maħtur fir-rigward ta' kompiti speċifikati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, pereżempju skont il-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti u s-sorveljanza tas-suq***, jinżammu responsabbi. Is-sorveljanza tas-suq uriet li l-kta jenħejja kultant jinvolu operaturi ekonomiċi li l-forma ġidha tagħhom tfisser li ma jidħlux faċilment fil-ktajjen tal-provvista tradizzjonali taħt il-qafas legali eżistenti. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, tal-fornituri ta' servizz ta' eżekuzzjoni, li jwettqu ħafna mill-istess funzjonijiet bħall-importaturi, iżda li jista' jkun li mhux dejjem ikunu jikkorrispondu għad-definizzjoni tradizzjonali ta' importatur fid-dritt tal-Unjoni. ***Il-fornituri ta' servizz ta' eżekuzzjoni għandhom rwol dejjem aktar sinifikanti bħala operaturi ekonomiċi, billi jippermettu u jiffaċilitaw l-aċċess għas-suq tal-Unjoni għal prodotti minn pajjiżi terzi. Dik il-bidla fir-rilevanza digħà hija riflessa*** fil-qafas tas-sikurezza tal-prodotti u tas-sorveljanza tas-suq, b'mod partikolari r-Regolamenti (UE) 2019/1020<sup>11</sup> u (UE) 2023/988<sup>12</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**Għalhekk**, jenħtieġ li jkun possibbli li l-fornituri ta' servizz ta' eżekuzzjoni jinżammu responsabbi iżda, minħabba n-natura sussidjarja tar-rwol tagħhom, jenħtieġ li jkunu responsabbi biss meta l-ebda importatur jew rappreżentant awtorizzat ma jkun stabbilit fl-Unjoni. Fl-interess li r-responsabbiltà tīgi indirizzata b'mod effettiv lejn il-manifatturi, l-importaturi, ir-rappreżentanti awtorizzati u l-fornituri ta' servizz ta' eżekuzzjoni, jenħtieġ li jkun possibbli li d-distributuri jinżammu responsabbi biss meta jonqsu milli jidher minnufi operatur ekonomiku rilevanti stabbilit fl-Unjoni.

<sup>11</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1).

<sup>12</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/988 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE (ĠU L 135, 23.5.2023, p. 1).

- (38) Il-bejgħ online kiber b'mod konsistenti u kostanti, tant li ħoloq mudelli kummerċjali ġodda u atturi ġgodda fis-suq, bħall-pjattaformi online. Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>13</sup> u r-Regolament (UE) 2023/988 jirregolaw, fost l-oħrajn, ir-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont tal-pjattaformi online fir-rigward tal-kontenut illegali, inkluż fir-rigward tal-bejgħ ta' prodotti. Meta l-pjattaformi online jwettqu r-rwol ta' manifattur, importatur, *rappresentant awtorizzat, fornitur ta' servizz ta' eżekuzzjoni* jew distributur fir-rigward ta' prodott difettuż, jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-istess responsabbiltà bħal tali operaturi ekonomiċi. Meta l-pjattaformi online jkollhom sempliċi rwol intermedjarju fil-bejgħ ta' prodotti bejn il-kummerċjanti u l-konsumaturi, ikunu koperti minn eżenzjoni mir-responsabbiltà kondizzjonali skont *ir-Regolament (UE) 2022/2065*.

---

<sup>13</sup> Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1).

Madankollu, ***ir-Regolament (UE) 2022/2065*** jistabbilixxi li l-pjattaformi online li jippermettu lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod mal-kummerċjanti ma humiex eżenti mir-responsabbiltà skont il-liġi dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi meta jippreżentaw il-prodott jew inkella jippermettu t-tranżazzjoni speċifika inkwistjoni b'mod li jwassal biex konsumatur medju jemmen li l-prodott ikun qed jiġi pprovdut jew mill-pjattaforma online nnifisha jew inkella minn kummerċjant li jaġixxi taħt l-awtorità jew il-kontroll tagħha. F'konformità ma' dak il-prinċipju, meta l-pjattaformi online jippreżentaw il-prodott jew inkella jippermettu t-tranżazzjoni speċifika, jenħtieġ li jkun possibbli li jinżammu responsabbli bl-istess mod bħad-distributuri skont din id-Direttiva. ***Għalhekk, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva relatati mad-distributuri jenħtieġ li japplikaw, mutatis mutandis, għal tali pjattaformi online.*** Dan ifisser li tali pjattaformi online jenħtieġ li jkunu responsabbli biss meta jippreżentaw il-prodott jew inkella jippermettu t-tranżazzjoni speċifika b'mod li jwassal lil konsumatur medju biex jemmen li l-prodott ikun qed jiġi pprovdut jew mill-pjattaforma online nnifisha jew minn kummerċjant li jaġixxi bla-awtorità jew bil-kontroll tagħha, u biss meta l-pjattaforma online tonqos milli t-identifika minnufih operatur ekonomiku rilevanti stabbilit fl-Unjoni.

(39) Fit-tranżizzjoni minn ekonomija linear i għal waħda ċirkolari, il-prodotti jiġu ddisinjati biex ikunu jistgħu jservu aktar fit-tul, jerġgħu jintużaw, jissewwew u jiġu ammeljorati. L-Unjoni qed tippromwovi wkoll forom innovattivi u sostenibbli ta' produzzjoni u konsum li jestendu l-funzjonalità tal-prodotti u tal-komponenti, bħall-manifattura mill-ġdid, ir-rinnovazzjoni u t-tiswija, kif stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2020 intitolata “Pjan ta’ Azzjoni ġdid dwar l-Ekonoma Ċirkolari – Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva”. ■ Meta prodott jiġi modifikat sostanzjalment ***u sussegwentement jitqiegħed fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz***, jitqies bħala prodott ġdid. ***Meta l-modifika ssir barra mill-kontroll tal-manifattur oriġinali***, jenħtieġ li jkun possibbli li l-persuna li tkun għamlet il-modifika sostanzjali tinżamm responsabbli bħala manifattur tal-prodott immodifikat, billi skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dik il-persuna hija responsabbli għall-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti tas-sikurezza. Jekk modifika tkunx sostanzjali jenħtieġ li jiġi ddeterminat abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali dwar is-sikurezza ***tal-prodotti, inkluż ir-Regolament (UE) 2023/988***. ***Meta ma jiġi stabbilit l-ebda kriterju bħal dawn fir-rigward tal-prodott inkwistjoni***, il-modifikasi li jbiddlu l-funzjonijiet maħsuba oriġinali tal-prodott jew jauffettwaw il-konformità tiegħu mar-rekwiżiti tas-sikurezza applikabbli ***jew ibiddlu lprofil tar-riskju tiegħu jenħtieġ li jitqiesu bħala modifikasi sostanzjali***.

*Meta modifika sostanzjali ssir mill-manifattur oriġinali, jew fil-kontroll tiegħu, u meta tali modifika sostanzjali tagħmel il-prodott difettuż, jenħtieġ li dak il-manifattur ma jkunx jista' jevita r-responsabbiltà billi jargumenta li d-difett ikun seħħ wara li jkun introduċa l-prodott fis-suq jew qiegħdu fis-servizz. Fl-interessi ta' tqassim ġust tar-riskju fl-ekonomija ċirkolari, operatur ekonomiku li jagħmel modifika sostanzjali, għajjr il-manifattur oriġinali, jenħtieġ li jkun eżentat mir-responsabbiltà jekk ikun jista' jaġħti prova li d-dannu jkun relata t ma' parti mill-prodott li ma tkunx affettwata mill-modifika. L-operaturi ekonomiċi li jwettqu tiswijiet jew operazzjonijiet oħrajn li ma jinvolvux modifikasi sostanzjali jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għar-responsabbiltà skont din id-Direttiva.*

- (40) *Peress li l-prodotti jistgħu jiġu ddisinjati b'mod li jippermetti li jsiru modifiki permezz ta' bidllet fis-software, inklużi l-ammeljoramenti, l-istess prinċipji jenħtieġ li japplikaw għall-modifiki li jsiru permezz ta' aġġornament jew ammeljorament tas-software kif applikabbli għall-modifiki li jsiru b'modi oħra. Meta modifika sostanzjali ssir permezz ta' aġġornament jew ammeljorament tas-software, jew minħabba t-tagħlim kontinwu ta' sistema tal-IA, il-prodott sostanzjalment modifikat jenħtieġ li jitqies li jkun tqiegħed fis-suq jew tqiegħed fis-servizz fiziż-mien meta dik il-modifika ssir realment.*
- (41) *Meta l-vittmi ma jirnexxilhomx jiksbu kumpens minħabba li l-ebda operatur ekonomiku ma jinżamm responsabbli skont din id-Direttiva jew minħabba li l-operaturi ekonomiċi responsabbli jkunu insolventi jew ma jkunux jeżistu aktar, l-Istati Membri jistgħu jużaw skemi ta' kumpens settorjali nazzjonali eżistenti jew jistabbilixxu oħrajn ġodda skont il-liġi nazzjonali biex jikkumpensaw b'mod xieraq lill-persuni offiżi li ġarrbu dannu kkawżat minn prodotti difettużi. Huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk tali skemi ta' kumpens ikunux iffinanzjati kompletament jew parżjalment minn dħul pubbliku jew privat.*

(42) Peress li l-operaturi ekonomiċi huma sottoposti għar-responsabbiltà irrispettivamente mill-ħtija, u bil-ħsieb li jinkiseb tqassim ġust tar-riskju, jenħtieġ li l-persuna offiżja li titlob kumpens għal dannu kkawżat minn prodott difettuż iġġorr l-oneru li tagħti prova tad-dannu, tad-difett ta' prodott u tar-rabta kawżali bejn it-tnejn, ***f'konformità mal-istandard ta' evidenza applikabbi skont il-liġi nazzjonali***. Madankollu, il-persuni offiżzi spiss ikunu fi żvantaġġ sinifikanti meta mqabbla mal-manifatturi f'termini ta' aċċess għal informazzjoni dwar kif prodott ikun ġie mmanifatturat u dwar kif jopera u f'termini ta' fehim ta' tali informazzjoni. Din l-assimetrija ta' informazzjoni tista' ddgħajjef it-tqassim ġust tar-riskju, b'mod partikolari f'każijiet li jinvolvu kumplessità teknika jew xjentifika. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-atturi għall-evidenza li trid tintuża fi proċedimenti legali. ***Tali evidenza tħalli dokumenti li jridu jinħolqu ex novo mill-konvenut billi tiġi kkompilata jew ikkl-klassifikata l-evidenza disponibbli. Fil-valutazzjoni tat-talba għad-divulgazzjoni tal-evidenza, jenħtieġ li l-qrati nazzjonali jiżguraw li tali aċċess ikun limitat għal dak li huwa meħtieġ u proporzjonat, fost l-oħrajn biex jiġi evitat tiftix mhux speċifiku għal informazzjoni li ma tkunx rilevanti għall-proċedimenti, u biex jiġu protetti l-informazzjoni kunfidenzjali, bħall-informazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sigriet professionali u s-sigrieri kummerċjali f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali, b'mod partikolari d-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.<sup>14</sup> Filwaqt li titqies il-kumplessità ta' ċerti tipi ta' evidenza, pereżempju evidenza relatata ma' prodotti diġitali, jenħtieġ li jkun possibbli li l-qrati nazzjonali jirrikjedu li tali evidenza tiġi ppreżentata b'mod faċilment aċċessibbli u li jinfiehem faċilment, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet.***

<sup>14</sup>

Id-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni ta' konoxxenza u ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigrieri kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom (ĠU L 157, 15.6.2016, p. 1).

- (43) *Din id-Direttiva tarmonizza r-regoli dwar id-divulgazzjoni tal-evidenza biss sa fejn tali kwistjonijiet ikunu rregolati minnha. Kwistjonijiet mhux irregolati minn din id-Direttiva jinkludu regoli dwar id-divulgazzjoni tal-evidenza fir-rigward ta': proċeduri ta' qabel il-proċess; kemm trid tkun speċifika talba għall-evidenza; partijiet terzi; każijiet ta' azzjonijiet dikjaratorji, u sanzjonijiet għan-nonkonformità mal-obbligu li tiġi divulgata l-evidenza.*
- (44) *Fid-dawl tal-fatt li l-konvenuti jista' jkollhom bżonn aċċess għal evidenza li tkun tinsab għad-dispożizzjoni tal-attur sabiex jikkumbattu talba għal kumpens skont din id-Direttiva, jenħtieġ li l-konvenuti jkollhom ukoll il-possibbiltà li jkollhom aċċess għall-evidenza. B'mod simili għal talba ta' divulgazzjoni magħmulu mill-attur, meta jivvalutaw it-talba tal-konvenut għad-divulgazzjoni tal-evidenza, il-qrati nazzjonali jenħtieġ li jiżguraw li tali aċċess ikun limitat għal dak li huwa meħtieġ u proporzjonat, fost l-oħrajn biex jiġi evitat tiftix mhux speċifiku għal informazzjoni li ma tkunx rilevanti għall-proċedimenti, u biex tiġi protetta l-informazzjoni kunfidenzjali.*

(45) Fir-rigward tas-sigrieti kummerċjali kif definiti fid-Direttiva (UE) 2016/943, jenħtieġ li l-qrati nazzjonali jingħataw is-setgħa li jieħdu miżuri speċifiċi biex jiżguraw il-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali matul u wara l-proċedimenti, filwaqt li jiksbu bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-interessi tad-detentur ta' sigriet kummerċjali għas-segretezza u l-interessi tal-persuna offiża. Jenħtieġ li tali miżuri jinkludu tal-anqas miżuri maħsuba biex jirrestrinġu l-aċċess għal dokumenti li jkun fihom sigrieti kummerċjali jew allegati sigrieti kummerċjali u biex jirrestrinġu l-aċċess għal seduti ta' smiġħ għal għadd limitat ta' persuni, jew biex jippermettu l-aċċess biss għal dokumenti redatti jew traskrizzjonijiet ta' seduti ta' smiġħ. Meta jiddeċiedu dwar tali miżuri, il-qrati nazzjonali jkun xieraq li jqisu l-ħtieġa li jiżguraw id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, l-interessi leġittimi tal-partijiet u, fejn xieraq, ta' partijiet terzi, u l-ħsara potenzjali għal kwalunkwe waħda mill-partijiet għal tilwima, u, fejn xieraq, għal partijiet terzi, li tirriżulta mill-approvazzjoni jew miċ-ċaħda ta' tali miżuri.

(46) Huwa meħtieġ li jittaffa l-oneru tal-prova tal-attur, diment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. Il-preżunzjonijiet konfutabqli ta' fatt huma mekkaniżmu komuni maħsub biex itaffi d-diffikultajiet evidenzjali ta' attur u biex jippermetti li qorti tkun tista' tibbaża l-eżistenza ta' difett jew ta' rabta kawżali fuq il-preżenza ta' fatt ieħor li tkun ingħatat prova tiegħu filwaqt li tippreserva d-drittijiet tal-konvenut. Sabiex jipprovdu incəntiv għall-konformità mal-obbligu li tiġi divulgata l-informazzjoni, il-qrati nazzjonali jenħtieġ li jippreżumu d-difett ta' prodott meta konvenut jonqos milli jikkonforma ma' tali obbligu. Ġew adottati ħafna rekwiżiti [ ] obbligatorji tas-sikurezza sabiex il-konsumaturi u ***persuni fiziċċi oħra*** jiġu protetti mir-riskju ta' ħsara, ***inkluż skont ir-Regolament (UE) 2023/988***. Sabiex tissahħħaħ ir-relazzjoni mill-qrib bejn ir-regoli dwar is-sikurezza tal-prodotti u r-regoli dwar ir-responsabbiltà, jenħtieġ li n-nonkonformità ma' tali rekwiżiti tirriżulta wkoll fi preżunzjoni ta' difett. Dan jinkludi każijiet li fihom prodott ma jkunx mgħammar bil-mezzi biex tiġi rreġistrata l-informazzjoni dwar it-tħaddim tal-prodott kif meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali. Jenħtieġ li l-istess japplika fil-każ ta' ħsara ovvja, bħal flixkun tal-ħġieġ li jisplodi matul l-użu ***raġonevolment prevedibbli***, peress li huwa oneruż bla bżonn li attur jintalab jagħti prova ta' difett meta c-ċirkostanzi jkunu tali li l-eżistenza tiegħu ma tkunx ikkontestata. ***L-użu raġonevolment prevedibbli jkopri l-użu li għalihi ikun maħsub prodott f'konformità mal-informazzjoni pprovduta mill-manifattur jew mill-operatur ekonomiku li jintroduċi fis-suq, l-użu ordinarju kif determinat mid-disinn u mill-kostruzzjoni tal-prodott, u l-użu li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli meta tali użu jista' jirriżulta minn imġiba umana legali u faċilment prevedibbli.***

- (47) *Meta jkun ġie stabbilit li prodott huwa difettuż u t-tip ta' dannu li jkun seħħ ikun, primarjament abbażi ta' każijiet simili, tipikament ikkawżat mid-difett inkwistjoni, jenħtieġ li l-attur ma jkunx meħtieġ jagħti prova tar-rabta kawżali u jenħtieġ li tiġi preżunta l-eżistenza tagħha.*

- (48) Jenħtieġ li l-qrati nazzjonali jippreżumu d-difett ta' prodott jew ir-rabta kawżali bejn id-dannu u d-difett, jew it-tnejn li huma, meta, minkejja d-divulgazzjoni tal-informazzjoni mill-konvenut, ikun eċċessivament diffiċli għall-attur, ***b'mod partikolari minħabba l-kumplessità*** teknika jew xjentifika tal-każ, li jagħti prova tad-difett jew tar-rabta kawżali, jew tat-tnejn li ħuna. ***Jenħtieġ li jagħmlu dan filwaqt li jqisu c-ċirkostanzi kollha tal-każ***. F'tali każijiet, l-impożizzjoni ***tal-istandard ta'*** evidenza ***abitwali kif meħtieġ skont il-liġi nazzjonali, li ħafna drabi jitlob grad għoli ta' probabbiltà***, iddgħajjef l-effettivitā tad-dritt għal kumpens. Għalhekk, minħabba li l-manifatturi għandhom għarfien espert u huma infurmati aħjar mill-persuna offiża, ***u sabiex jinżamm tqassim ġust tar-riskju filwaqt li tiġi evitata l-inverżjoni tal-oneru tal-prova***, jenħtieġ li ***dak l-attur ikun meħtieġ li, meta d-diffikultajiet tal-attur ikunu relatati mal-prova tad-difett, juri biss li x'aktarx li l-prodott kien difettuż, jew, meta d-diffikultajiet tal-attur ikunu relatati mal-prova tar-rabta kawżali, juri biss li d-difett tiegħu x'aktarx huwa kawża tad-dannu.*** Jenħtieġ li l-kumplessità teknika jew xjentifika tiġi ddeterminata mill-qrati nazzjonali fuq bażi ta' każ b'każ, filwaqt li jitqiesu fatturi varji. Jenħtieġ li dawk il-fatturi jinkludu n-natura kumplessa tal-prodott, bħal apparat mediku innovattiv; in-natura kumplessa tat-teknoloġija użata, bħal tagħlim awtomatiku; in-natura kumplessa tal-informazzjoni u tad-data li trid tiġi analizzata mill-attur; u n-natura kumplessa tar-rabta kawżali, bħal rabta bejn prodott farmaċewtiku jew tal-ikel u l-bidu ta' kundizzjoni tas-saħħha jew rabta li, sabiex tingħata prova tagħha, tkun tirrikjedi li l-attur jispjega l-ħidma interna ta' sistema tal-IA. Il-valutazzjoni ta' diffikultajiet eċċessivi jenħtieġ li ssir ukoll mill-qrati nazzjonali fuq bażi ta' każ b'każ. Filwaqt li jenħtieġ li attur jipprovdi argumenti biex juri diffikultajiet eċċessivi, jenħtieġ li ma tkunx meħtieġa prova ta' tali diffikultajiet. Pereżempju, f'talba li tikkonċerna sistema tal-IA, jenħtieġ li l-attur, sabiex il-qorti tkun tista' tiddeċiedi li jeżistu diffikultajiet eċċessivi, la jkun meħtieġ li jispjega l-karatteristiċi speċifiċi tas-sistema tal-IA u lanqas kif dawn il-karatteristiċi jagħmluha aktar diffiċli li tiġi stabbilita r-rabta kawżali. Jenħtieġ li l-konvenut ikollu l-possibbiltà li jikkontesta ***l-elementi kollha tat-talba, inkluża l-eżistenza ta' diffikultajiet eċċessivi.***

■ (49) Fl-interess ta' tqassim ġust tar-riskju, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jiġu eżentati mir-responsabbiltà jekk ikunu jistgħu jagħtu prova tal-eżistenza ta' ċirkostanzi eżoneranti speċifiċi. Jenħtieġ li ma jkunux responsabbi meta jkunu jistgħu jagħtu prova li persuna għajrhom stess tkun wasslet biex il-prodott jitlaq mill-proċess tal-manifattura kontra r-rieda tagħha jew li l-konformità ***mar-rekwiżiti legali*** kienet ir-raġuni propria għad-difett tal-prodott.

(50) Il-mument tal-introduzzjoni fis-suq jew tat-tqegħid fis-servizz normalment huwa l-mument meta prodott jitlaq mill-kontroll tal-manifattur, filwaqt li, għad-distributuri, huwa l-mument meta jqiegħdu l-prodott fis-suq. Għalhekk, jenħtieġ li l-manifatturi jkunu eżentati mir-responsabbiltà meta jagħtu prova li x'aktarx li d-difett li kkawża d-dannu ma kienx jeżisti meta introduċew il-prodott fis-suq jew qegħdu fis-servizz jew li d-difett seħħ wara dak il-mument. Madankollu, peress li t-teknoloġiji diġitali jiippermettu lill-manifatturi jeżerċitaw kontroll lil hinn mill-mument tal-introduzzjoni tal-prodott fis-suq jew tat-tqegħid fis-servizz, jenħtieġ li l-manifatturi jibqgħu responsabbi għad-difetti li jseħħu wara dak il-mument bħala riżultat ta' software jew ta' servizzi relatati fil-kontroll tagħhom, kemm jekk fil-forma ta' ammeljoramenti jew aġġornamenti jew algoritmi ta' tagħlim awtomatiku. Jenħtieġ li tali software jew servizzi relatati jitqiesu bħala li huma fil-kontroll tal-manifattur meta jiġu fornuti minn dak il-manifattur jew meta dak il-manifattur jawtorizzahom jew inkella ***jagħti l-kunsens biex*** jiġu fornuti minn parti terza. ***Pereżempju, jekk televixin intelliġenti jiġi ppreżzentat bħala li jinkludi applikazzjoni tal-vidjo, iżda l-utent ikun meħtieġ iniżżel l-applikazzjoni mis-sit web ta' parti terza wara x-xiri tat-televixin, il-manifattur tat-televixin jenħtieġ li jibqa' responsabbi, flimkien mal-manifattur tal-applikazzjoni tal-vidjo, għad-dannu kkawżat minn kwalunkwe difett tal-applikazzjoni tal-vidjo, anki jekk id-difett ikun seħħ biss wara li t-televixin ikun ġie introdott fis-suq.***

(51) Il-possibbiltà li l-operaturi ekonomiċi jevitaw ir-responsabbiltà billi jagħtu prova li d-difett seħħ wara li jkunu introduċew il-prodott fis-suq jew qegħduh fis-servizz jenħtieġ li tiġi ristretta meta d-difett ta' prodott ikun jikkonsisti min-nuqqas ta' aġġornamenti jew ammeljoramenti tas-software meħtieġa biex jindirizzaw il-vulnerabbiltajiet taċ-ċibersigurta u jżommu s-sikurezza tal-prodott. Tali vulnerabbiltajiet jistgħu jaffettwaw il-prodott b'tali mod li jikkawża dannu skont it-tifsira ta' din id-Direttiva. B'rikonoxximent tar-responsabbiltajiet tal-manifatturi skont id-drift tal-Unjoni għas-sikurezza tal-prodotti matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, bħal skont ir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>15</sup>, jenħtieġ ukoll li l-manifatturi ***ma jkunux eżentati mir-responsabbiltà*** għad-dannu kkawżat ***mill-prodotti difettużi tagħhom meta d-difett jirriżulta*** min-nuqqas tagħhom li jfornu l-aġġornamenti jew l-ammeljoramenti tas-sigurta tas-software li jkunu meħtieġa biex jindirizzaw il-vulnerabbiltajiet ta' dawk il-prodotti b'reazzjoni għar-riskji taċ-ċibersigurta li qed jevolvu. Jenħtieġ li tali responsabbiltà ma tapplikax meta l-provvista jew l-installazzjoni ta' tali software ma tkunx fil-kontroll tal-manifattur, pereżempju meta s-sid tal-prodott ma jinstallax aġġornament jew ammeljorament fornut bl-iskop li jiġi żgurat jew li jinżamm il-livell ta' sikurezza tal-prodott. ***Din id-Direttiva ma timponi l-ebda obbligu li jiġu pprovduti aġġornamenti jew ammeljoramenti għal prodott.***

---

<sup>15</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi, li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 u r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 90/385/KEE u 93/42/KEE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 1).

- (52) Fl-interessi ta' tqassim ġust tar-riskju, jenħtieġ li ***l-operaturi ekonomiċi*** jiġu eżentati mir-responsabbiltà jekk jagħtu prova li l-istat tal-għarfien xjentifiku u tekniku, iddeterminat b'referenza għall-aktar livell avvanzat ta' għarfien oġġettiv aċċessibbli u mhux għall-għarfien propriu ***tal-operatur ekonomiku*** inkwistjoni, waqt il-perjodu li fih il-prodott kien fil-kontroll ***tal-manifattur***, kien tali li l-eżistenza tad-difett ma setgħetx tiġi skoperta.
- (53) Jistgħu jinqalgħu sitwazzjonijiet li fihom żewġ partijiet jew aktar ikunu responsabbi għall-istess dannu, b'mod partikolari meta komponent difettuż jiġi integrat fi prodott li jikkawża dannu. F'tali każ, jenħtieġ li l-persuna offiżja tkun tista' tfitħex kumpens kemm mill-manifattur li jkun integra l-komponent difettuż fil-prodott tiegħi kif ukoll mill-manifattur tal-komponent difettuż innifsu. Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ***tal-persuni fizċiċi***, jenħtieġ li l-partijiet kollha jinżammu responsabbi *in solidum* f'tali sitwazzjonijiet.

(54) *Livell għoli ta' innovazzjoni huwa partikolarment meħtieġ fis-settur tas-software. Bil-ħsieb li tiġi appoġġjata l-kapaċità innovattiva tal-mikrointrapriżi u tal-intrapriżi ż-żgħar li jimmanifatturaw is-software, jenħtieġ li jkun possibbli li tali intrapriżi jaqblu kuntrattwalment mal-manifatturi li jintegraw is-software tagħhom fi prodott li dawn tal-aħħar mhux se jfittxu rikors mill-manifattur tas-software f'każ li komponent tas-software difettuż jikkawża ħsara. Tali ftehimiet kuntrattwali, digġà użati f'xi Stati Membri, jenħtieġ li jiġu permessi, peress li l-manifattur tal-prodott kollu kemm hu huwa fi kwalunkwe każ resonsabbi għal kwalunkwe difett fil-prodott, inkluż fil-komponenti. Madankollu, jenħtieġ li r-responsabbiltà lejn persuna offiżza qatt ma tkun limitata jew eskluża minn tali ftehim kuntrattwali.*

(55) Jistgħu jinqalgħu sitwazzjonijiet li fihom l-atti u l-ommissjonijiet ta' persuni għajr operatur ekonomiku potenzjalment responsabbi jikkontribwixxu, minbarra għad-difett tal-prodott, għall-kawża tad-dannu mġarrab, bħal parti terza li tisfrutta vulnerabbiltà taċ-ċibersigurtà ta' prodott. Fl-interessi tal-protezzjoni tal-konsumaturi, meta prodott ikun difettuż, pereżempju minħabba vulnerabbiltà li tagħmel il-prodott anqas sikur milli l-pubbliku ġenerali jkun intitolat li jistenna, jenħtieġ li r-responsabbiltà tal-operatur ekonomiku ma tigħix imnaqqs ***jew soppresa*** bħala riżultat ta' tali atti jew ommissjonijiet ***minn parti terza***. Madankollu, jenħtieġ li jkun possibbli li r-responsabbiltà tal-operatur ekonomiku tiġi mnaqqsia jew soppresa meta l-persuni offiżi nfushom ikunu kkontribwew b'mod negliġenti għall-kawża tad-dannu, ***pereżempju meta l-persuna offiżza b'mod negliġenti tkun naqset milli tinstalla aġġornamenti jew ammeljoramenti pprovduti mill-operatur ekonomiku li kieku kienu jtaffu jew jevitaw id-dannu.***

- (56) L-objettiv tal-protezzjoni ***tal-persuni fiziċċi*** jiddgħajjf li kieku kellu jkun possibbli li r-responsabbiltà ta' operatur ekonomiku tiġi limitata jew eskużha permezz ta' dispożizzjonijiet kuntrattwali. Għalhekk, jenħtieġ li ma tkun permessa l-ebda deroga kuntrattwali. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li ma jkunx possibbli li d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali jillimitaw jew jeskludu r-responsabbiltà, pereżempju billi jiffissaw limiti massimi finanzjarji fuq ir-responsabbiltà ta' operatur ekonomiku.
- (57) Minħabba li l-prodotti jiddeterjoraw maż-żmien u minħabba li jiġu żviluppati standards oħla tas-sikurezza hekk kif l-istat tax-xjenza u tat-teknoloġija jimxi 'l-quddiem, ma jkunx raġonevoli li l-manifatturi jsiru responsabbli għal perjodu ta' żmien mhux limitat għad-difett tal-prodotti tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li r-responsabbiltà tkun soġġetta għal tul ta' żmien raġonevoli, jiġifieri għaxar snin mill-introduzzjoni ta' prodott fis-suq (il-“perjodu ta' skadenza”), mingħajr preġudizzju għal talbiet pendenti fi proċedimenti legali. Sabiex jiġi evitat li l-possibbiltà ta' kumpens għal dannu kkawżat minn prodott difettuż tigħi miċħuda b'mod mhux raġonevoli, jenħtieġ li l-perjodu ta' ***skadenza*** jkun estiż għal **25** sena f'każijiet fejn, skont evidenza medika, is-sintomi ta' dannu personali jdumu biex jitfaċċaw.

- (58) Peress li prodotti sostanzjalment modifikati huma essenzjalment prodotti ġodda, jenħtieġ li perjodu *ta' skadenza ġdid jibda jiddekorri* wara li prodott ikun ġie mmodifikat sostanzjalment *u sussegwentement ikun tqiegħed fis-suq jew tqiegħed fis-servizz*, pereżempju bħala riżultat tal-manifattura mill-ġdid. *Jenħtieġ li l-aġġornamenti jew l-ammeljoramenti li ma jammontawx għal modifika sostanzjali tal-prodott ma jaffettwawx il-perjodu ta' skadenza li japplika għall-prodott oriġinali.*

(59) *Il-possibbiltà offruta f'din id-Direttiva li permezz tagħha operatur ekonomiku jista' jevita r-responsabbiltà jekk jagħti prova li l-istat tal-għarfien xjentifiku u tekniku fiż-żmien meta l-prodott ġie introdott fis-suq jew tqiegħed fis-servizz jew matul il-perjodu li fih il-prodott kien fil-kontroll tal-manifattur ma kienx tali li jippermetti li tiġi skoperta l-eżistenza ta' difett, l-hekk imsejħa “difiża bbażata fuq ir-riskji tal-iżvilupp” tista' titqies f'ċerti Stati Membri bħala li tillimita indebitament il-protezzjoni tal-persuni fiziċċi. Għalhekk, jenħtieġ li jkun possibbli li Stat Membru jidderoga minn dik il-possibbiltà billi jintroduċi mīzuri ġoddha jew jemenda l-mīzuri eżistenti, u jestendi r-responsabbiltà f'tali sitwazzjonijiet għal tipi speċifiċi ta' prodotti jekk dan ikun meqjus meħtieġ, proporzjonat u ġġustifikat mill-objettivi ta' interess pubbliku, bħal dawk skont it-tifsira tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika u s-sahħha pubblika. Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u ċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi li joperaw madwar l-Unjoni, l-użu ta' tali deroga mid-difiża bbażata fuq ir-riskji tal-iżvilupp jenħtieġ li jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni li mbagħad jenħtieġ li tinforma lill-Istati Membri l-oħra. Sabiex tiffaċilita approċċ koerenti madwar l-Istati Membri u l-konsistenza mal-objettivi ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' toħroġ opinjonijiet mhux vinkolanti dwar il-mīzuri jew l-emendi proposti. Sabiex iħalli żmien għall-ħruġ ta' opinjoni, Stat Membru li jipproponi tali mīzuri jew emendi jenħtieġ li jżomm il-mīzuri jew l-emendi proposti sospiżi għal sitt xħur wara n-notifika tagħhom lill-Kummissjoni, sakemm il-Kummissjoni ma toħroġx opinjoni qabel. Tali opinjoni jenħtieġ li tinħareġ wara kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istat Membru kkonċernat u l-Kummissjoni, filwaqt li jitqiesu l-fehmiet ta' Stati Membri oħra, jekk ikun hemm. Fl-interess taċ-ċertezza legali u biex tiġi ffaċilitata l-kontinwità tal-arranġamenti stabbiliti skont id-Direttiva 85/374/KEE, jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li Stat Membru jżomm derogi eżistenti mid-difiża bbażata fuq ir-riskji tal-iżvilupp fis-sistema legali tiegħi.*

- (60) Sabiex tīgi ffaċilitata l-interpretazzjoni armonizzata ta' din id-Direttiva mill-qrati nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jippubblikaw is-sentenzi *finali* tal-qorti dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti *skont din id-Direttiva, jiġifieri dawk is-sentenzi li ma jistgħux jiġu appellati jew li ma jistgħux jiġu appellati aktar.*  
*Sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa biss jippubblikaw is-sentenzi tal-qrati nazzjonali tal-appell jew tal-ogħla istanza.*
- (61) *Sabiex jiżdied il-fehim ta' kif din id-Direttiva tīgi applicata fil-livell nazzjonali, għall-benefiċċju ta', fost l-oħrajn, il-pubbliku, il-prattikanti legali, l-akkademiċi u l-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi u żżomm bażi tad-data faċiilment accċessibbli u disponibbli għall-pubbliku li jkun fiha s-sentenzi rilevanti kif ukoll referenzi għal sentenzi rilevanti mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.*

- (62) Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva. Skont il-paragrafu 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>16</sup>, jenħtieġ li dik l-evalwazzjoni tkun ibbażata fuq il-ħames kriterji tal-effiċjenza, l-effettivitā, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud u jenħtieġ li tipprovdi l-bażi għal valutazzjonijiet tal-impatt ta' miżuri ulterjuri possibbli. ***Fir-rapport ta' evalwazzjoni tagħha, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi l-metodoloġija għall-kalkolu użata fl-evalwazzjoni tagħha. Huwa importanti li l-Kummissjoni tiġibor l-informazzjoni rilevanti kollha b'mod li jevita r-regolamentazzjoni żejda u piż amministrattiv għall-Istati Membri u għall-operaturi ekonomiċi, bl-użu ta' informazzjoni mis-sorsi rilevanti u affidabbli kollha, inklużi l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċċi u l-aġenziji tal-Unjoni, l-awtoritatiet kompetenti nazzjonali u l-korpi u l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti internazzjonalment.***

---

<sup>16</sup>

ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (63) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, jenħtieġ li din id-Direttiva ma tapplikax għal prodotti introdotti fis-suq [jew imqiegħda fis-servizz qabel ... [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu previsti arranġamenti tranżizzjonali sabiex tiġi żgurata responsabbiltà kontinwa skont id-Direttiva 85/374/KEE għal dannu kkawżat minn prodotti difettużi li ġew introdotti fis-suq jew tqiegħdu fis-servizz qabel dik id-data.
- (64) Billi l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu żgurati l-funzjonament tas-suq intern, il-kompetizzjoni mingħajr tfixkil u livell għoli ta' protezzjoni ***għall-persuni fizziċċi***, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba li s-suq tal-oġġetti jikkonċerna l-Unjoni kollha, iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-effett ta' armonizzazzjoni tar-regoli komuni dwar ir-responsabbiltà, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

# KAPITOLU I

## Dispożizzjonijiet ġenerali

### Artikolu 1

#### *Suġġett u objettiv*

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli komuni dwar ir-responsabbiltà tal-operaturi ekonomiċi  
għad-dannu li jġarrbu persuni fiżiċi u li jkun ikkawżat minn prodotti difettużi, **u dwar il-kumpens għal tali dannu.**

***L-objettiv ta' din id-Direttiva huwa li tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern filwaqt li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi u ta' persuni fiżiċi oħra.***

## Artikolu 2

### Kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-prodotti introdotti fis-suq jew imqiegħda fis-servizz wara [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].
2. ***Din id-Direttiva ma tapplikax għal software liberu u b'sors miftuħ żviluppat jew fornut barra mill-kors ta' attivită kummerċjali.***
3. Din id-Direttiva ma tapplikax għal dannu li jinħoloq minn inċidenti nukleari sa fejn ir-responsabbiltà għal tali dannu tkun koperta minn konvenzjonijiet internazzjonali rratifikati mill-Istati Membri.
4. Din id-Direttiva ma taffettwax:
  - (a) l-applikabbiltà tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679, id-Direttiva 2002/58/KE u d-Direttiva (UE) 2016/680;

|

- (b) kwalunkwe dritt li persuna offiża jkollha skont ir-regoli nazzjonali dwar ir-responsabbiltà kuntrattwali jew dwarf ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali għal raġunijiet oħrajn minbarra d-difett ta' prodott ***kif previst f'din id-Direttiva***, inklużi regoli nazzjonali li jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni █ ;
- (c) kwalunkwe dritt li persuna offiża jkollha taħt kwalunkwe sistema ta' responsabbiltà speċjali li kienet teżisti fil-liġi nazzjonali fit-30 ta' Lulju 1985.

### *Artikolu 3*

#### *Livell ta' armonizzazzjoni*

L-Istati Membri ma għandhomx iżommu jew jintroduċu, fil-ligji nazzjonali tagħhom, dispożizzjonijiet li jiddevjaw minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva, inklużi dispożizzjonijiet aktar stretti jew anqas stretti, biex jinkiseb livell differenti ta' protezzjoni ***għall-konsumaturi u għal-persuni fizżei oħra***, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'din id-Direttiva.

### *Artikolu 4*

#### *Definizzjonijiet*

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “prodott” tfisser il-beni mobbli kollha, anki jekk integrati f'ben mobbli ieħor jew f'ben immobbli ***jew jekk interkonnessi magħhom***; tinkludi l-elettriku, il-fajls tal-manifattura digżitali, ***il-materja prima*** u s-software;

- (2) “fajl tal-manifattura diġitali” tfisser verżjoni diġitali jew mudell diġitali ta’ ben mobbli *li jkun fiha l-informazzjoni funzjonali meħtieġa għall-produzzjoni ta’ oġġett tanġibbli billi tippermetti l-kontroll awtomatizzat ta’ makkinarju jew għodod;*
- (3) “servizz relata” tfisser servizz diġitali li huwa integrat fi’ prodott jew interkonness miegħu b’tali mod li n-nuqqas tiegħu jimpedixxi lill-prodott milli jwettaq waħda jew aktar mill-funzjonijiet tiegħu;
- (4) “komponent” tfisser kwalunkwe oġġett, kemm jekk tanġibbli jew intanġibbli, jew *materja prima* jew kwalunkwe servizz relata, li huma integrati fi’ prodott jew interkonnessi miegħu █ ;
- (5) “kontroll tal-manifattur” tfisser li:
- (a) *il-manifattur ta’ prodott iwettaq jew, fir-rigward ta’ azzjonijiet ta’ parti terza, jagħti l-approvazzjoni jew il-kunsens tiegħu għal:*

- (i) *l-integrazzjoni, l-interkonnessjoni jew il-provvista ta' komponent, inklużi aġġornamenti jew ammeljoramenti tas-software; jew*
- (ii) *il-modifika tal-prodott, inklużi modifiki sostanziali;*
- (b) *il-manifattur ta' prodott ikollu l-kapaċità li jforni aġġornamenti jew ammeljoramenti tas-software huwa stess jew permezz ta' parti terza;*
- |
- (6) “data” tfisser data kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>17</sup>;
- (7) *“tqegħid fis-suq” tfisser kwalunkwe provvista ta' prodott għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu fis-suq tal-Unjoni matul attivită kummerċjali, kemm jekk bi ħlas kif ukoll mingħajru;*
- (8) “introduzzjoni fis-suq” tfisser li prodott jitqiegħed għall-ewwel darba fis-suq tal-Unjoni;
- |

---

<sup>17</sup> Ir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar il-governanza Ewropea tad-data u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (Att dwar il-Governanza tad-Data) (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 1).

- (9) “tqegħid fis-servizz” tfisser l-ewwel użu ta’ prodott fl-Unjoni matul attivită kummerċjali, kemm jekk bi ħlas kif ukoll mingħajru, f’ċirkostanzi li fihom dak il-prodott ma jkunx ġie introdott fis-suq qabel l-ewwel użu tiegħu;
- (10) “manifattur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li:
- (a) *tiżviluppa, timmanifattura jew tiproduċi prodott;*
  - (b) *ikollha prodott iddisinjat jew immanifatturat, jew li, billi tqiegħed isimha, il-marka kummerċjali jew karatteristiċi distintivi oħra fuq dak il-prodott, tippreżenta ruħha bħala l-manifattur tiegħu; jew*
  - (c) *tiżviluppa, timmanifattura jew tiproduċi prodott għall-użu ta’ dik il-persuna stess;*
- (11) “rappreżendant awtorizzat” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tkun irċeviet mandat bil-miktub mingħand manifattur biex taġixxi f’isem dak il-manifattur b’rabta ma’ kompiti speċifikati;

- (12) “importatur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika j ew ġuridika █ li tintroduċi prodott minn pajjiż terz fis-suq tal-Unjoni;
- (13) “fornitur ta’ servizz ta’ eżekuzzjoni” tfisser kwalunkwe persuna fiżika j ew ġuridika li toffri, matul attivit à kummerċjali, mill-anqas tnejn mis-servizzi li ġejjin: il-magazzinagg, l-imballaġġ, l-indirizzar u d-dispaċċ ta’ prodott, mingħajr ma jkun hemm sjeda ta’ dak il-prodott, bl-esklużjoni tas-servizzi postali kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>18</sup>, tas-servizzi tal-konsenza tal-pakketti kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) 2018/644 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>19</sup>, u ta’ kwalunkwe servizz postali ieħor j ew servizz ta’ trasport tal-merkanzija;
- (14) “distributur” tfisser persuna fiżika j ew ġuridika fil-katina tal-provvista li tqiegħed prodott fis-suq, għajr il-manifattur j ew l-importatur ta’ dak il-prodott;
- (15) “operatur ekonomiku” tfisser manifattur ta’ prodott j ew ta’ komponent, fornitur ta’ servizz relata, rappreżentant awtorizzat, importatur, fornitur ta’ servizz ta’ eżekuzzjoni j ew distributur;

---

<sup>18</sup> Id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz (ĠU L 15, 21.1.1998, p. 14).

<sup>19</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/644 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ April 2018 dwar servizzi tal-konsenza tal-pakketti transkonfini (ĠU L 112, 2.5.2018, p. 19).

- (16) “pjattaforma online” tfisser pjattaforma online kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (i), tar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>20</sup>;
- (17) “*sigriet kummerċjali*” tfisser *sigriet kummerċjali kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) 2016/943*;
- (18) “*modifika sostanzjali*” tfisser *modifika ta’ prodott wara li jkun ġie introdott fis-suq jew tqiegħed fis-servizz:*
- (a) *li titqies sostanzjali skont ir-regoli rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali dwar is-sikurezza tal-prodotti; jew*
  - (b) *meta r-regoli rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali dwar is-sikurezza tal-prodotti ma jistabbilixxu l-ebda limitu minimu fuq dak li għandu jitqies bħala modifika sostanzjali, li:*

---

<sup>20</sup> Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1).

- (i) *tbiddel il-prestazzjoni, l-iskop jew it-tip oriġinali tal-prodott, mingħajr ma dik il-bidla tkun prevista fil-valutazzjoni tar-riskju inizjali tal-manifattur; u*
- (ii) *tbiddel in-natura tal-periklu, toħloq periklu ġdid jew iżżejjid il-livell ta' riskju.*

## KAPITOLU II

Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi

### Artikolu 5

#### Dritt għal kumpens

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe persuna fiżika li ġġarrab dannu kkawżat minn prodott difettuż (il-“persuna offiża”) tkun intitolata għal kumpens f’konformità ma’ din id-Direttiva.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-talbiet għal kumpens skont il-paragrafu 1 jkunu jistgħu jitressqu wkoll minn:
  - (a) persuna li tkun issuċċediet, jew ġiet surrogata, għad-dritt tal-persuna offiża bis-saħħha **tad-dritt tal-Unjoni jew tal-liġi nazzjonali** jew bis-saħħha tal-kuntratt; jew
  - (b) persuna li taġixxi f'isem persuna offiża waħda jew aktar **bis-saħħha tad-dritt tal-Unjoni jew tal-liġi nazzjonali**.

## *Artikolu 6*

### *Dannu*

1. *Id-dritt għal kumpens skont l-Artikolu 5 għandu japplika fir-rigward tat-tipi ta' dannu li ġejjin biss:*
  - (a) *mewt jew dannu personali, inkluża ħsara medikament rikonoxxuta lis-sahħha psikoloġika;*
  - (b) *dannu lil kwalunkwe proprjetà jew il-qedra tagħha, ħlief:
    - (i) *il-prodott difettuż innifsu;*
    - (ii) *prodott li jsirlu dannu minn komponent difettuż li jiġi integrat f'dak il-prodott, jew li jiġi interkonness miegħu, mill-manifattur ta' dak il-prodott jew fil-kontroll ta' dak il-manifattur;*
    - (iii) *proprjetà użata esklużivament għal skopijiet professjonali;**
  - (c) *il-qedra jew il-korruzzjoni ta' data li ma tintużax għal skopijiet professjonali.*

2. *Id-dritt għal kumpens skont l-Artikolu 5 għandu jkopri t-telf materjali kollu li jirriżulta mid-dannu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Id-dritt għal kumpens għandu jkopri wkoll telf mhux materjali li jirriżulta mid-dannu msemmi fil-paragrafu 1, sa fejn dak it-telf ikun jista' jiġi kkumpensat skont il-liġi nazzjonali.*
3. *Dan l-Artikolu ma jaffettwax il-liġi nazzjonali relatata mal-kumpens għal dannu skont reġimi oħra ta' responsaabbiltà.*

## Artikolu 7

### Difett

1. *Prodott għandu jitqies difettuż jekk ma jipprovdix is-sikurezza li persuna hija intitolata li tistenna jew li hija meħtieġa skont id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali.*
2. *Fil-valutazzjoni tad-difett ta' prodotti, għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha, inklużi:*

- (a) il-preżentazzjoni ***u l-karatteristiċi*** tal-prodott, inklużi ***t-tikkettar, id-disinn, il-karatteristiċi tekniċi, il-kompożizzjoni u l-imballaġġ u l-istruzzjonijiet għall-assemblaġġ***, għall-installazzjoni, għall-użu u għall-manutenzjoni ***tiegħu***;
- (b) l-użu **| raġonevolment prevedibbli** tal-prodott;
- (c) l-effett li jkollha fuq il-prodott il-kapaċità tiegħu li jitgħallem ***jew jikseb karatteristiċi ġodda*** wara ***li jiġi introdott fis-suq jew li jitqiegħed fis-servizz***;
- (d) l-effett ***raġonevolment prevedibbli*** li jkollhom fuq il-prodott prodotti oħrajn li jistgħu jkunu **| mistennija li jintużaw flimkien mal-prodott, inkluż permezz ta' interkonnessjoni**;
- (e) il-mument meta l-prodott ikun ġie introdott fis-suq jew tqiegħed fis-servizz jew, meta l-manifattur iżomm kontroll fuq il-prodott wara dak il-mument, il-mument meta l-prodott ma jkunx baqa' fil-kontroll tal-manifattur;

- (f) ir-rekwiżiti tas-sikurezza tal-prodotti ***rilevanti***, inklużi r-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà rilevanti għas-sikurezza;
  - (g) kwalunkwe ***sejħa lura tal-prodott jew kwalunkwe*** intervent ***rilevanti ieħor*** minn awtorità ***kompetenti*** jew minn operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 8 relatax mas-sikurezza tal-prodotti;
  - (h) ***il-ħtiġijiet*** speċifiċi ***tal-grupp ta' utenti*** li għaliex huwa maħsub il-prodott;
  - (i) ***fil-każ ta' prodott li l-iskop proprju tiegħi huwa li jipprevjeni d-dannu, kwalunkwe nuqqas tal-prodott li jissodisfa dak l-iskop.***
3. Prodott ma għandux jitqies difettuż għall-unika raġuni li prodott aħjar, inklużi aġġornamenti jew ammeljoramenti ta' prodott, ikun digħi għie introdott fis-suq jew tqiegħed fis-servizz jew sussegwentement jiġi introdott fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz.

## Artikolu 8

Operaturi ekonomiċi responsabbbli għall-prodotti difettużi

1. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi li ġejjin ikunu responsabbbli għad-dannu f'konformità ma' din id-Direttiva:*
  - (a) *il-manifattur ta' prodott difettuż;*
  - (b) *il-manifattur ta' komponent difettuż, meta dak il-komponent ikun ġie integrat fī prodott jew interkonness ma' prodott fil-kontroll tal-manifattur u b'kawża tiegħu dak il-prodott isir difettuż, u mingħajr pregħudizzju għar-responsabbiltà tal-manifattur imsemmija fil-punt (a); u*
  - (c) *fil-każ ta' manifattur ta' prodott jew komponent stabbilit barra mill-Unjoni, u mingħajr pregħudizzju għar-responsabbiltà ta' dak il-manifattur:*

- (i) *il-manifattur tal-prodott j ew tal-komponent difettuż;*
- (ii) *ir-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur; u*
- (iii) *meta ma jkun hemm l-ebda importatur stabbilit fl-Unjoni j ew rappreżentant awtorizzat, il-fornitur ta' servizz ta' eżekuzzjoni.*

*Ir-responsabbiltà tal-manifattur imsemmija fl-ewwel subparagraphu, il-punt (a), għandha tkopri wkoll kwalunkwe dannu kkawżat minn komponent difettuż meta jkun ġie integrat fi prodott j ew interkonness ma' prodott fil-kontroll ta' dak il-manifattur.*

|

2. Kwalunkwe persuna fiżika j ew ġuridika li timmodifika **sostanzjalment** prodott **li ma jkunx fil-kontroll tal-manifattur u li wara tqiegħdu** fis-suq j ew **tqiegħdu** fis-servizz għandha titqies bħala manifattur tal-prodott għall-iskopijiet tal-paragrafu 1 | .
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta ma jkunx jista' jiġi identifikat **operatur ekonomiku** minn fost dawk imsemmija fil-paragrafu 1 | u stabbilit **fl-Unjoni**, kull distributur tal-prodott **difettuż ikun** responsabbi meta:

- (a) *il-persuna offiża titlob* lil dak id-distributur jidentifika **operatur ekonomiku** minn fost dawk *imsemmija fil-paragrafu 1 u stabbilit fl-Unjoni, jew id-distributur tiegħu stess li jkun fornielu dak il-prodott;* u
- (b) *dak* id-distributur jonqos milli jidentifika **operatur ekonomiku** jew *id-distributur tiegħu stess, kif imsemmi fil-punt (a)*, fi żmien xahar **wieħed** minn meta jirċievi t-talba **msemmija fil-punt (a)**.
4. Il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandu wkoll japplika, *mutatis mutandis*, għal kwalunkwe fornitur ta' pjattaforma online li jippermetti lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod mal-kummerċjanti u li ma jkunx **operatur ekonomiku**, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti **fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2022/2065**.
5. *Meta l-vittmi ma jirnexxilhomx jiksbu kumpens minħabba li l-ebda waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi 1 sa 4 ma tkun tista' tinżamm responsablli skont din id-Direttiva, jew minħabba li l-persuni responsablli jkunu insolventi jew ma jkunux jeżistu aktar, l-Istati Membri jistgħu jużaw skemi ta' kumpens settorjali nazzjonali eżistenti jew jistabbilixxu oħrajn ġoddha skont il-liġi nazzjonali, li preferibbilmment ma jkunux iffinanzjati mid-dħul pubbliku, biex jikkumpensaw b'mod xieraq lill-persuni offiżi li ġarrbu dannu kkawżat minn prodotti difettużi.*

## Artikolu 9

### Divulgazzjoni tal-evidenza

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li **█**, fuq talba ta' persuna offiċja li titlob kumpens ***fi proċedimenti quddiem qorti nazzjonali*** għal dannu kkawżat minn prodott difettuż (l-“attur”) ***u*** li tkun ippreżzentat fatti u evidenza suffiċjenti biex tappoġġja l-plawżibbiltà tat-talba għal kumpens, ***il-konvenut ikun meħtieġ jiddivulga evidenza rilevanti li tkun għad-dispożizzjoni tiegħi, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.***

2. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fuq talba ta' konvenut li jkun ippreżenta fatti u evidenza suffiċjenti biex juri li l-konvenut ikun jeħtieġ evidenza sabiex jikkumbatti talba għal kumpens, l-attur ikun meħtieġ, f'konformità mal-liġi nazzjonali, jiddivulga l-evidenza rilevanti li tkun għad-dispożizzjoni tal-attur.*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li *d-divulgazzjoni* tal-evidenza *skont il-paragrafi 1 u 2, u f'konformità mal-liġi nazzjonali, tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ u proporzjonat.*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiddeterminaw jekk id-divulgazzjoni tal-evidenza *mitluba minn parti hijiex meħtieġa u* proporzjonata, il-qrati nazzjonali jqisu l-interessi leġittimi tal-partijiet kollha kkonċernati, inklużi partijiet terzi, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali u s-sigreti kummerċjali █ .

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta konvenut ***ikun meħtieġ*** jiddivulga informazzjoni li tkun sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali, il-qrati nazzjonali jkollhom is-setgħa, fuq talba debitament motivata ta' parti jew fuq inizjattiva tagħhom stess, li jieħdu l-miżuri speċifiċi meħtieġa biex jippreservaw il-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni meta tintuża jew tissemma matul ***u wara l-proċedimenti*** legali.
6. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta parti tkun meħtieġa tiddivulga evidenza, il-qrati nazzjonali jkollhom is-setgħa, fuq talba debitament motivata tal-kontroparti jew meta l-qorti nazzjonali kkonċernata tqis li jkun xieraq u f'konformità mal-liġi nazzjonali, li jirrikjedu li tali evidenza tiġi ppreżentata b'mod faċilment aċċessibbli u li jinftiehem faċilment, jekk tali preżentazzjoni titqies proporzjonata mill-qorti nazzjonali f'termini ta' spejjeż u sforz għall-parti meħtieġa.***
7. ***Dan l-Artikolu ma jaffettwax ir-regoli nazzjonali relatati mad-divulgazzjoni ta' evidenza qabel il-proċess, meta jkunu jeżistu tali regoli.***

Artikolu 10  
Oneru tal-prova

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li attur ikun meħtieġ jagħti prova tad-difett tal-prodott, tad-dannu mġarrab u tar-rabta kawżali bejn dak id-difett u dak id-dannu.
2. Għandu jiġi preżunt li l-prodott huwa difettuż meta tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) il-konvenut jonqos milli [ ] jiddivulga l-evidenza rilevanti [ ] skont l-Artikolu 9(1);
  - (b) l-attur *juri* li l-prodott ma jikkonformax mar-rekwiżiti obbligatorji ta' sikurezza ***tal-prodotti*** stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni jew fil-liġi nazzjonali li huma maħsuba biex jipproteġu mir-riskju tad-dannu ***li tkun ġarrbet il-persuna offiċċa;*** jew
  - (c) l-attur *juri* li d-dannu kien ikkawżat minn ħsara ovvja tal-prodott waqt l-użu ***raġonevolment prevedibbli*** jew f'ċirkostanzi ordinarji.

3. Ir-rabta kawżali bejn id-difett tal-prodott u d-dannu għandha tiġi preżunta meta jkun ġie stabbilit li l-prodott huwa difettuż u li d-dannu kkawżat ikun ta' tip li tipikament ikun konsistenti mad-difett inkwistjoni.
4. Qorti nazzjonali ***għandha tippreżumi d-difett*** tal-prodott jew ir-rabta kawżali bejn id-difett tiegħu u d-dannu, jew it-tnejn li huma, ***meta, minkejja d-divulgazzjoni tal-evidenza f'konformità mal-Artikolu 9 u filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ:***
  - (a) ***l-attur jiffaċċja diffikultajiet eċċessivi, b'mod partikolari minħabba l-kumplessità teknika jew xjentifika, biex jagħti prova tad-difett tal-prodott jew ir-rabta kawżali bejn id-difett tiegħu u d-dannu, jew it-tnejn li huma;*** u
  - (b) ***l-attur juri li x'aktarx li l-prodott huwa difettuż jew li hemm rabta kawżali bejn id-difett u d-dannu,*** jew it-tnejn li huma.
5. Il-konvenut għandu jkollu d-dritt li jirribatti kwalunkwe waħda mill-preżunzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4.

Artikolu 11  
Eżenzjoni mir-responsabbiltà

1. Operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 8 ma għandux ikun responsabbi għad-dannu kkawżat minn prodott difettuż jekk dak l-operatur ekonomiku jagħti prova ta' xi wieħed minn dawn li ġejjin:
  - (a) fil-każ ta' manifattur jew importatur, li ma jkunx introduċa l-prodott fis-suq jew qiegħdu fis-servizz;
  - (b) fil-każ ta' distributur, li ma jkunx qiegħed il-prodott fis-suq;
  - (c) li x'aktarx li d-difett li kkawża d-dannu ma kienx jeżisti fiż-żmien meta l-prodott ġie introdott fis-suq, tqiegħed fis-servizz jew, fil-każ ta' distributur, tqiegħed fis-suq, jew li dak id-difett seħħ wara dak il-mument;
  - (d) li d-difett li kkawża d-dannu huwa dovut għall-konformità tal-prodott ***mark-rekwiżiti legali***;

- (e) li l-istat oġġettiv tal-għarfien xjentifiku u tekniku fiż-żmien meta l-prodott ġie introdott fis-suq jew tqiegħed fis-servizz jew matul il-perjodu li fih il-prodott kien fil-kontroll tal-manifattur ma kienx tali li d-difett seta' jiġi skopert;
- (f) fil-każ ta' manifattur ta' komponent difettuż, kif imsemmi fl-Artikolu **8(1), l-ewwel** subparagraphu, **il-punt (b)**, li d-difett tal-prodott li fih ikun ġie integrat dak il-komponent huwa attribwibbli għad-disinn ta' dak il-prodott jew għall-istruzzjonijiet mogħtija mill-manifattur ta' dak il-prodott lill-manifattur ta' dak il-komponent;
- (g) fil-każ ta' persuna li timmodifika prodott kif imsemmi fl-Artikolu 8(2), li d-difett li kkawża d-dannu huwa relataż ma' parti tal-prodott li ma tkunx affettwata mill-modifika.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-punt (c), operatur ekonomiku ma għandux ikun eżentat mir-responsabbiltà meta d-difett ta' prodott ikun dovut għal xi wieħed minn dawn li ġejjin, diment li jkun fil-kontroll tal-manifattur:
- (a) servizz relata;
  - (b) software, inklużi aġġornamenti jew ammeljoramenti tas-software;
  - (c) nuqqas ta' aġġornamenti jew ammeljoramenti tas-software meħtieġa biex tinżamm is-sikurezza;
  - (d) ***modifika sostanzjali tal-prodott.***

## KAPITOLU III

### Dispożizzjonijiet ġenerali dwar ir-responsabbiltà

#### Artikolu 12

Responsabbiltà ta' diversi operaturi ekonomiċi

1. *Mingħajr pregħiduzzu għal-liġi nazzjonali li tirrigwarda d-drittijiet ta' kontribut jew rikors, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta żewġ operaturi ekonomiċi jew aktar ikunu responsabbi għall-istess dannu skont din id-Direttiva, jistgħu jinżammu responsabbi *in solidum*.*
2. *Manifattur li jintegra komponent tas-software difettuż fî prodott ma għandux ikollu dritt ta' rikors kontra l-manifattur ta' dak il-komponent tas-software difettuż li jikkawża dannu meta:*

- (a) *il-manifattur tal-komponent tas-software difettuż kien, fiziż-żmien meta dak il-komponent tas-software għie introdott fis-suq, mikrointrapriża jew intrapriża żgħira, jiġifieri intrapriża li, meta vvalutata flimkien mal-intrapriżi sħab kollha tagħha kif definiti fl-Artikolu 3(2) tal-Anness tar-Rakkmandazzjoni 2003/361/KE u l-intrapriżi relatati kollha tagħha kif definiti fl-Artikolu 3(3) ta' dak l-Anness, jekk ikun hemm, tkun mikrointrapriża kif definita fl-Artikolu 2(3) ta' dak l-Anness jew intrapriża żgħira kif definita fl-Artikolu 2(2) ta' dak l-Anness; u*
- (b) *il-manifattur li jkun integra l-komponent tas-software difettuż fil-prodott ikun qabel kuntrattwalment mal-manifattur tal-komponent tas-software difettuż li jirrinunzja għal dak id-dritt.*

## Artikolu 13

### Tnaqqis tar-responsabbiltà

1. ***Mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali li tirrigwarda d-drittijiet ta' kontribut jew rikors,*** l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-responsabbiltà ta' operatur ekonomiku ma tiġix imnaqqsia ***jew soppresa*** meta d-dannu jkun ikkawżat kemm mid-difett ta' prodott kif ukoll minn att jew ommissjoni ta' parti terza.
2. Ir-responsabbiltà ta' operatur ekonomiku tista' tīgi mnaqqsia jew soppresa meta d-dannu jkun ikkawżat kemm mid-difett tal-prodott kif ukoll mill-ħtija tal-persuna offiża jew ta' kwalunkwe persuna li għaliha tkun responsabbi l-persuna offiża.

## *Artikolu 14*

### *Dritt għal rikors*

*Meta aktar minn operatur ekonomiku wieħed ikun responsabbi għall-istess dannu, operatur ekonomiku li jkun ikkumpensa lill-persuna offiżza għandu jkun intitolat li jfittex rimedji kontra operaturi ekonomiċi oħra responsabbi skont l-Artikolu 8 f'konformità mal-liġi nazzjonali.*

## *Artikolu 15*

### *Esklużjoni jew limitazzjoni tar-responsabbiltà*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-responsabbiltà ta' operatur ekonomiku skont din id-Direttiva ma tkunx, b'rabta mal-persuna offiżza, limitata jew eskużja minn dispożizzjoni kuntrattwali jew mil-liġi nazzjonali.

## Artikolu 16

### Perjodu ta' preskrizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li japplika perjodu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin ġħall-bidu tal-proċedimenti biex jintalab kumpens ġħad-dannu li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Il-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jibda jiddekorri mill-jum li fih il-persuna offiża tkun saret taf, jew raġonevolment kellha ssir taf, b'dawn kollha li ġejjin:
  - (a) id-dannu;
  - (b) id-difett;
  - (c) l-identità tal-operatur ekonomiku rilevanti li jista' jinżamm responsabbli ġħad-dannu skont l-Artikolu 8.
2. Il-liġi nazzjonali li tirregola s-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu ta' preskrizzjoni msemmi ***fil-paragrafu 1*** ma għandhiex tiġi affettwata minn din id-Direttiva.

## *Artikolu 17*

### *Perjodu ta' skadenza*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***persuna offiża ma tibqax intitolata għal kumpens*** skont din id-Direttiva ┌ malli jiskadi perjodu ┌ ta' għaxar snin ┌ , sakemm ***dik il-persuna offiża*** ma tkunx, sadanittant, bdiet proċedimenti ┌ kontra operatur ekonomiku li jista' jinżamm responsabbi skont l-Artikolu 8. ***Dak il-perjodu għandu jiddekorri:***

- (a) *mid-data li fiha l-prodott difettuż li kkawża d-dannu jkun ġie introdott fis-suq jew tqiegħed fis-servizz; jew*
- (b) *fil-każ ta' prodotti sostanzjalment modifikati, id-data li fiha dak il-prodott tqiegħed fis-suq jew tqiegħed fis-servizz wara l-modifika sostanzjali tiegħi.*

2. B'ecċejżjoni mill-paragrafu **1**, meta persuna offiċċia ma setgħetx tibda proċedimenti fi żmien għaxar snin mid-dati msemmija fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, minħabba l-latenza ta' dannu personali, ***il-persuna offiċċia ma għandhiex tibqa' intitolata għal kumpens*** skont din id-Direttiva [ malli jiskadi perjodu ] ta' **25** sena, ***sakemm dik il-persuna offiċċia ma tkunx, sadanittant, bdiet proċedimenti kontra operatur ekonomiku li jista' jinżamm responsabbli skont l-Artikolu 8.***

## KAPITOLU IV

### Dispożizzjonijiet finali

#### *Artikolu 18*

##### *Deroga mid-difīża bbażata fuq ir-riskji tal-iżvilupp*

1. *L-Istati Membri jistgħu, b'deroga mill-Artikolu 11(1), il-punt (e), iżommu fis-sistemi legali tagħhom il-miżuri eżistenti li bis-saħħha tagħhom l-operaturi ekonomiċi jkunu responsabbi anki jekk jaġħtu prova li l-istat oġġettiv tal-għarfien xjentifiku u tekniku fīż-żmien meta l-prodott ġie introdott fis-suq jew tqiegħed fis-servizz jew matul il-perjodu li fih il-prodott kien fil-kontroll tal-manifattur ma kienx tali li d-difett seta' jiġi skopert.*

*Kwalunkwe Stat Membru li jixtieq iżomm miżuri f'konformità ma' dan il-paragrafu għandu jinnotifika t-test tal-miżuri lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn... [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Il-Kummissjoni għandha tħarraf lill-Istati Membri l-oħra b'dan.*

2. *L-Istati Membri jiġi għażiex mill-Artikolu 11(1), il-punt (e), jintroduċeu jew jemendaw fis-sistemi legali tagħhom miżuri li bis-sahħha tagħhom l-operaturi ekonomiċi jkunu responsabbi anki jekk jagħtu prova li l-istat oġġettiv tal-għarfien xjentifiku u tekniku fiż-żmien meta l-prodott ġie introdott fis-suq jew tqiegħed fis-servizz jew matul il-perjodu li fih il-prodott kien fil-kontroll tal-manifattur ma kienx tali li d-difett seta' jiġi skopert.*
3. *Il-miżuri msemmi jidher fil-paragrafu 2 għandha ikunu:*
  - (a) *limitati għal kategoriji spċifici ta' prodotti;*
  - (b) *iġġustifikati minn objettivi ta' interess pubbliku; u*
  - (c) *proporzjoni fis-sens li jkunu adatti biex jiżguraw il-kisba tal-objettivi fil-mira u ma jmorrx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.*

4. *Kwalunkwe Stat Membru li jixtieq jintroduċi jew jemenda miżura msemmija fil-paragrafu 2 għandu jinnotifika t-test tal-miżura proposta lill-Kummissjoni u għandu jiaprovd iġustifikazzjoni ta' kif dik il-miżura tikkonforma mal-paragrafu 3. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri l-oħra b'dan.*
5. *Il-Kummissjoni tista', fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi notifika skont il-paragrafu 4, toħroġ opinjoni dwar it-test tal-miżura proposta u l-ġustifikazzjoni għal dik il-miżura, filwaqt li tqis kwalunkwe osservazzjoni li tirċievi minn Stati Membri oħra. L-Istat Membru li jixtieq jintroduċi jew jemenda dik il-miżura għandu jżomm dik il-miżura sospiża għal sitt xhur wara n-notifika tagħha lill-Kummissjoni, sakemm il-Kummissjoni ma toħroġx l-opinjoni tagħha qabel.*

## Artikolu 19

### Trasparenza

1. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw, f'format faċilment aċċessibbli u elettroniku, kwalunkwe sentenza finali mogħtija mill-qrati nazzjonali ***tal-appell jew tal-ogħla istanza*** tagħhom fil-proċedimenti mibdija skont din id-Direttiva █ . Il-pubblikazzjoni ta' tali sentenza għandha ssir ***f'konformità mal-liġi nazzjonali***.
2. Il-Kummissjoni ***għandha*** tistabbilixxi u żżomm bażi tad-data ***faċilment aċċessibbli u*** disponibbli għall-pubbliku li jkun fiha s-sentenzi tat-tip imsemmi fil-paragrafu 1.

## Artikolu 20

### Evalwazzjoni

Il-Kummissjoni għandha, sa ... [sitt snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], u kull ħames snin wara, **tevalwa** l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Dawk ir-rapporti għandhom *jinkludu informazzjoni dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, tqabbil mal-pajjiżi tal-OECD u d-disponibbiltà tal-assigurazzjoni tar-responsabbiltà għall-prodotti.*

## Artikolu 21

### Tħassir u dispożizzjoni tranzizzjonal

Id-Direttiva 85/374/KEE hija mħassra b'effett minn ...[**24** xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Madankollu, hija għandha tkompli tapplika fir-rigward tal-prodotti introdotti fis-suq jew imqiegħda fis-servizz qabel dik id-data.

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftieħmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness.

Artikolu 22  
Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa... [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jinkludu dik ir-referenza meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 23

Dħul fis-seħħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 24

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulu fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

**TABELLA TA' KORRELAZZJONI**

Id-Direttiva 85/374/KEE	Din id-Direttiva
L-Artikolu 1	L-Artikolu 1
-	<b>L-Artikolu 2(2)</b>
-	L-Artikolu 3
L-Artikolu 2	L-Artikolu 4, il-punt (1)
-	L-Artikolu 4, il-punti (2) sa (9), (11) u (13) sa (18)
L-Artikolu 3(1)	L-Artikolu 4, il-punt (10), u l-Artikolu 8(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b)
L-Artikolu 3(2)	L-Artikolu 4, il-punt (12), u l-Artikolu 8(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c)(i)
-	L-Artikolu 5
L-Artikolu 3(3)	L-Artikolu 8(3)
-	L-Artikolu 8(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c)(ii) u (iii), u t-tieni subparagrafu, u sa (2), (4) <b>u (5)</b>
-	L-Artikolu 9
L-Artikolu 4	L-Artikolu 10(1)
-	L-Artikolu 10(2) <b>u (5)</b>
-	<del>L-Artikolu 9(3)</del>
-	<del>L-Artikolu 9(5)</del>
L-Artikolu 5	<del>L-Artikolu 2(3), il-punt (b), u l-Artikolu 12(1)</del>
-	<b>L-Artikolu 12(2)</b>
L-Artikolu 6	L-Artikolu 7
L-Artikolu 7	L-Artikolu 110

L-Artikolu 8	L-Artikolu 13
-	<b><u>L-Artikolu 14</u></b>
L-Artikolu 9, l-ewwel paragrafu, il-punt (a)	L-Artikolu 6(1), il-punt {6}(a)
L-Artikolu 9, l-ewwel paragrafu, il-punt (b)	L-Artikolu 6(1), il-punt 6(b)
-	<b><u>L-Artikolu 6(1), il-punt (c)</u></b>
-	<b><u>L-Artikolu 6(2)</u></b>
L-Artikolu 9, it-tieni paragrafu	<b><u>L-Artikolu 6(3)</u></b>
L-Artikolu 10	L-Artikolu 16
L-Artikolu 11	<b><u>L-L-Artikolu 17(1)</u></b>
-	<b><u>L-Artikolu 17(2)</u></b>
L-Artikolu 12	L-Artikolu 15
-	L-Artikolu 19
L-Artikolu 13	L-Artikolu 2(5), il-punti (b) u (c)
-	L-Artikolu 2(5), il-punti (a)-u-(b)
L-Artikolu 14	L-Artikolu 2(3)
-	<b><u>L-Artikolu 18(1)</u></b>
L-Artikolu 15(1), il-punt (b)	<b><u>L-Artikolu 18(2)</u></b>
L-Artikolu 15(2) u (3)	<b><u>L-Artikolu 18(3), (4) u (5)</u></b>
L-Artikolu 16	-
L-Artikolu 17	L-Artikolu 2(1)
	L-Artikolu 20
-	L-Artikolu 21
L-Artikolu 18	-
L-Artikolu 19	L-Artikolu 22(1)

L-Artikolu 20	L-Artikolu 22(2)
L-Artikolu 21	L-Artikolu 20
-	L-Artikolu 23
L-Artikolu 22	L-Artikolu 24